



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 1-14.7.2004
KUMM(2004) 475 finali

2004/0154 (COD)

Proposta ta'

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jiddetermina r-regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja tal-Komunità fil-qasam tan-*networks* transewropej ta' trasport u ta' l-enerġija u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill KE Nru 2236/95

preżentata mill-Kummissjoni

SPJEGAZZJONI TA' L-GĦANIJIET

I IN-NETWORKS TRANSEWROPEJ TAT-TRASPORT U L-ENERĠIJA L-MUTURI TA' L-IŻVILUPP U L-KOEŻJONI

1. Ma jeżistux ekonomiji kompetittivi mingħajr *networks* ta' trasport jew ta' enerġija kompetittivi. It-twaqqif u t-tħaddim tajjeb tan-*networks* transewropej fil-qasam tat-trasporti, l-enerġija u t-telekomunikazzjonijiet li ilhom rikonoxxuti bħala politika komunitarja għal aktar minn għaxar snin, jirrappreżentaw tnejn mill-kondizzjonijiet essenzjali għas-suċċes tas-suq intern, sabiex tkun garantita mobilità sostenibbli u s-sigurtà tal-provvisti ta' enerġija f'Unjoni mkabbra. Minkejja dan, in-*network* għadu konfrontat bi żvilupp qawwi iżda żbilanċjat tat-traffiku, filwaqt li qed ttrrinforza lilha nfisha l-esiġenza ta' l-iżvilupp sostenibbli u n-neċessità li jkunu integrati n-*networks*, kemm it-trasport kif ukoll l-enerġija ta' l-Istati Membri ġodda saru urġenza li ma tistax tkun evitata.
2. Bl-iskop li jitkompla n-*networking* fil-livell komunitarju, dawn in-*networks* jirrikjedu investimenti sinifikattivi. Iċ-ċifra totali ta' dawn l-investimenti biex jitlesta n-*network* transewropew ta' trasport (TEN-T) fl-Unjoni mkabbra, hekk kif kienet approvata mill-Kunsill u l-Parlament fid-29 ta' April 2004 se tlaħħaq għalhekk għal aktar minn 600 biljun € lejn l-orizzont tas-sena 2020, iżda l-infrastrutturi ta' trasporti u f'ċerti każijiet ta' enerġija għadhom b'nuqqas ta' finanzjament, minħabba nuqqas ta' mezzi finanzjarji adegwati, u minħabba n-nuqqas ta' struttura propizja għall-investimenti.
3. Iċ-ċifra neċessarja sabiex jitkompla n-*network* transewropew ta' enerġija (TEN-E) kienet stmata madwar 28 biljun € għall-proġetti prijoritarji wehdedhom. Jekk in-*network* ta' trasport jibqa' jiddependi b'mod wiesa' fuq il-fondi pubbliċi, in-*networks* transewropej ta' enerġija jagħmlu talba normalment għall-finanzjament ta' l-operaturi tas-settur.
4. Kontrarjament għas-settur tat-telekomunikazzjonijiet, fejn l-enfasi hi fuq kollox fuq applikazzjonijiet, in-*networks* transewropej ta' trasport u enerġija jkun għad għandhom bżonn tat-twaqqif ta' infrastrutturi bażiċi importanti; b'mod partikulari konnessjonijiet nieqsa fil-livell ta' l-interkonnessjonijiet ta' bejn il-fruntieri għadhom mhumieq lesti. Hu f'dan il-kuntest li l-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2003 poġġa n-*networks* transewropej ta' trasport u ta' enerġija fiċ-ċentru ta' l-Azzjoni tiegħu għall-Iżvilupp.
5. Fid-dawl ta' din l-evoluzzjoni u fil-perspettiva ta' maniġġjar aktar effikaċi, jidher għalhekk opportuni li jkun maħsub Regolament li jikkonċerna n-*networks* ta' trasport u enerġija.

II. FINANZJAMENTI INSUFFIĊJENTI GĦAN-*NETWORKS* TRANSEWROPEJ TA' TRASPORT

1. Sitwazzjoni kontrastata.

6. Mill-2001, il-Kummissjoni fil-*White Paper* tagħha dwar il-politika komuni tat-trasporti, kienet ġibdet l-attenzjoni dwar id-dewmien fit-twettiq ta' dan in-*network*. Fil-fatt, minkejja l-impenji magħmula mill-Istati fil-Kunsill Ewropew ta' Essen f'Diċembru 1994 sabiex ikunu mwettqa minn issa sa l-2010 erbatax-il proġett kbir ta' infrastruttura, sa l-aħħar ta' l-2003, tlieta biss minn dawn il-proġetti kienu tlestew. Inqas minn kwart ta' l-investimenti neċessarji għall-konnessjonijiet transnazzjonali ta' dawn il-proġetti kienu misjuba. Bir-ritmu ta' l-investment attwali, sabiex ikun lest in-*network* kollu transewropew ta' trasport hekk kif kien rivedut fl-2004, se jkunu għalhekk meħtieġ aktar minn 20 sena oħra.
7. Biex ikunu finanzjati dawn il-proġetti ta' trasport huma l-kontributorji nazzjonali, il-baġit tal-Komunità u l-investimenti privati jew kontribuzzjoni minnhom it-tlieta, li jistgħu jġibu l-finanzjamenti neċessarji.
8. F'dak li jikkonċerna l-baġits nazzjonali, l-Istati Membri jiltaqgħu spiss ma' diffikultajiet ta' baġit marbuta, fost oħrajn, ma' l-osservazzjoni tal-patt ta' stabbiltà u ta' l-iżvilupp sabiex ikunu finanzjati dawn l-infrastrutturi. Il-finanzjament nazzjonali hu, barra minn hekk, ta' spiss sottomess għall-prijoritajiet nazzjonali l-aktar immedjati u wera b'mod ċar il-limiti tiegħu billi pprivileġġa s-sezzjonijiet domestiċi għad-detriment tal-proġetti li l-vantaġġi tagħhom jittieħdu mill-Istati l-oħra.
9. Sabiex jitkomplew dawn is-sorsi ta' finanzjament, il-klijenti se jkunu għalhekk imġiegħla jikkontribwixxu aktar fil-finanzjament ta' l-infrastrutturi, hekk kif previst mill-proposta tal-Kummissjoni dwar ir-rati ta' prezzijiet tat-trakkijiet¹, (direttiva « Ewrodisk »)
10. It-tama – ħafna drabi mixtieqa – li jkun hemm żvilupp fil-parteċipazzjoni ta' l-investituri privati fil-finanzjament ta' dawn l-infrastrutturi kbar għadha attwalment – ħlief f'każijiet rari u eċċezzjonali – insinifikanti. Ir-rata minima ta' ko-finanzjament awtorizzata tar-Regolament TEN li tiddetermina r-regoli għall-għoti ta' għajjnuna finanzjarja lin-*network* transewropew² kienet ukoll reċentement limitata għal 10%, l-għajjnuna komunitarja ma setgħetx ikollha rwol veru ta' katalizzatur għall-Sħubijiet Pubbliċi Privati (PPP). Kif muri mill-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2003, fl-ambitu ta' l-Inizjattiva għall-iżvilupp, biex ikun iffaċilitat dan it-tip ta' PPP se jkun meħtieġ, f'dan ir-rigward, l-eliminazzjoni ta' ċerti ostakoli amministrattivi, notevolment ekwivalenza baxxa tan-normi kompatibbli ta' l-intrapriżi għall-konċessjonijiet Prattikati mill-PPP.
11. Ir-rapport Van Miert ikkalkula għaldaqstant li s-settur privat se jkun jista' jikkontribwixxi sa 20 % ta' l-ispejjeż ta' dawn l-infrastrutturi, dan jirrappreżenta għal finanzi pubbliċi li huma diġà ssolleċitati b'mod qawwi ħafna għat-twettiq tan-*network* għajjnuna importanti, iżda b'ċerti kondizzjonijiet. B'mod partikulari, li r-rata

¹ KUMM(2003)448 finali tat-23.7.2003

² Ir-Regolament 1655/99

ta' ko-finanzjament komunitarju tkun imkabbra u li l-istrumenti finanzjarji, impoġġija għad-dispożizzjoni permezz tar-Regolament TEN għandhom ikunu sfruttati sabiex ikunu koperti r-riskji posterjuri għall-fażi ta' kostruzzjoni.

12. Hemm bżonn, barra minn hekk, li jkun enfasizzat li t-twettiq ta' dawn l-infrastrutturi transewropej ta' trasport mhix il-politika ta' xogħlijiet kbar denunzjata minn x'uħud. Hi timmira biex tiżviluppa l-iskambji u d-dinamiżmu tas-suq intern, tirrinforza l-koeżjoni, u tikkontribwixxi għal żvilupp sostenibbli. Kif juri l-analiżi dwar l-impatt imwettaq fl-2003, dan il-programm iżomm mal-linja ta' l-oġettivi ta' żvilupp sostenibbli tal-Kunsill Ewropew ta' Göttenborg. 80% tal-proġetti l-kbar jinvolve fil-fatt mezz li ma għandhomx x'jaqsmu mat-toroq. Huma se jnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ b'4%, kif ukoll it-tniġġis atmosferiku, b'mod partikulari fiż-żoni delikati tal-muntanji. Huma se jnaqqsu l-konġestjoni fit-toroq b'14% u se jiffrankaw il-ħin fit-trasporti bejn ir-reġjuni biex jippermettu li ssir ekonomija sensibbli fl-infiq. Dawn il-proġetti jikkontribwixxu biex jistabbilizzaw id-distribuzzjoni modali (statistiku) u se jippermettu anki li dan jinqaleb favur il-mezz ta' trasport li jirrispettaw l-aktar l-ambjent skond l-akkordji prinċipali internazzjonali. Barra minn hekk, filwaqt li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' skambji bejn l-Istati Membri, u filwaqt li jtejbju l-aċċessibilità, dawn il-proġetti għandhom ikabbru l-potenzjal ta' l-iżvilupp minn 0.2 għal 0.3 % tal-GDP, li għandu jikkorrispondi mal-ħolqien jew maż-żamma ta' miljuni impjiegi permanenti.³

2. Bżonnijiet ġodda.

13. Bil-wasla ta' l-għaxar Stati Membri ġodda fi ħdan l-Unjoni, it-traffiku bejn l-Istati Membri sejjer kważi jirdoppja minn issa sa l-2020 fuq infrastrutturi li kultant diġà għamlu żmienhom jew li l-kapaċità tagħhom hi llum il-ġurnata diġà nieqsa minn ħafna bżonnijiet. In-nuqqas ta' konnessjonijiet effiċjenti transewropej biex tkun iffaċċjata din id-domanda qiegħed għalhekk jirriskja li jiffa' lura serjament il-kompetittività ta' l-Unjoni u ta' l-Istati u r-reġjuni periferali li mhux se jkun jistgħu – jew mhux se jkun jistgħu aktar – jipproffittaw bi sħiħ mill-effetti vantaġġjużi ta' suq kbir uniku.
14. Dan il-fatt allarmanti, ġiegħel lill-Kummissjoni li tagħmel inventarju aktar preċiż tas-sitwazzjoni u tidentifika l-bżonnijiet nieqsa li jridu jitwettqu bi prijarità. Ir-rapport tal-grupp presedut minn Mr. Karel Van Miert, pubblikat f' Ġunju 2003, ma għamilx ħlief ikkonferma l-urġenza li jitħaddem avviċinament aktar volontarju fil-livell ta' l-Unjoni. Hu jirrakkomanda notevolment li tkun rinforzata l-intensità ta' l-għajjnuna finanzjarja tal-Komunità u li l-azzjoni tagħha tkun konċentrata fuq sensiela ta' kurituri prijaritarji.
15. Fuq il-bażi tax-xogħlijiet ta' dan il-grupp, il-Kummissjoni preżentat – f'Ottubru 2003 – proposta ta' reviżjoni ta' l-orjetazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu man-*network* transewropew ta' trasport, u b'mod partikulari aġġornament tal-lista ta' proġetti prijaritarji – minn issa 'l quddiem mat-30 wieħed, fosthom l-14 identifikati f'Essen. Din adottata mill-Parlament u l-Kunsill fid-29 ta' April 2004. Dawn il-proġetti kienu evalwati b'mod dettaljat mill-grupp Van Miert imbagħad mill-Kummissjoni fl-

³ Ċifri meħudin mis-SEC (2003) 1060 u mill-istudju "Xenarji, Traffiku u Analiżi tal-Kuritur tat-TEN-Transport (TEN-STAC)".

istudju profond ta' impatt tagħha. Il-programmi, l-ispejjeż u l-karatteristiċi prinċipali ta' dawn il-proġetti huma minn issa 'l quddiem magħrufa⁴ anki jekk l-arranġament eżatt tal-pjan tagħhom u l-impatt lokali fuq l-ambjent għad jistgħu jkunu preċiżati.

3. Il-valur miżjud tal-finanzjament komunitarju

16. Jekk il-Komunità għandha l-kompetenzi fil-qasam tal-pjanifikazzjoni tan-*networks* transewropej, dawn ma kinux għaldaqstant akkumpanjati minn stadju finanzjarju adegwat sabiex ikun meġġun it-twettiq ta' dawn in-*networks*.
17. Il-finanzjamenti komunitarji jippreżentaw għaldaqstant vantaġġi sinifikattivi meta mqabbla mal-finanzjamenti nazzjonali. Huma joffru stabbiltà ta' finanzjamenti matul iż-żmien li ħafna mill-baġits nazzjonali, sottomessi għar-riskji tas-sitwazzjoni ekonomika u għat-tibdil ta' arbittraġġ, ma jistgħux joffru; huma għandhom l-effett ta' lieva filwaqt li jħeġġu lill-Istati Membri biex jinvestu fi proġetti Ewropej b'valur miżjud qawwi iżda wkoll sabiex iħeġġuhom biex jikkoordinaw bejniethom. Huma jikkontribwixxu għat-tħaddim tal-politika tat-trasporti, b'mod partikulari billi jipprivileġġjaw il-mezzi l-aktar "sostenibbli", notevolment il-konnessjonijiet ferrovjarji ta' bejn il-fruntieri⁵ u huma jistgħu wkoll iservu ta' katalizzatur għat-twaqqif ta' sħubijiet pubbliċi-privati.
18. Aspett prinċipali ieħor jitlob mhux biss għal żieda tar-rata ta' parteċipazzjoni komunitarja, iżda, b'mod ugwali għal approvazzjoni fl-iqsar żmien possibbli tal-baġit (globali) li se jkunu jistgħu jiddisponu minnu l-proġetti l-kbar tan-*networks* transewropej ta' trasport: il-proġetti prinċipali prijoritarji li d-dati tal-bidu tagħhom jinstabu x'imkien bejn is-snin 2006 u 2008 (Brenner jew Lyon-Turin-Venezja-Trieste-Ljubljana-Budapest) jew bejn dawk li bdew diġà (bħal dak ta' Perpignan-Figueras) se jkollhom bżonn ta' assigurazzjonijiet f'dak li jikkonċerna d-disponibbiltajiet finanzjarji komunitarji għall-perijodu 2007-2013. L-għarfien taċ-ċifri u tar-Regolament ta' applikazzjoni ta' l-għajnuna komunitarja huma essenzjali biex ikunu evitati d-dewmien li jikkonċernaw id-deċiżjoni inizjatriċi. Il-Komunità filwaqt li saret – għal dawn il-proġetti – sieħba inevitabbli għat-twaqqif tal-pjanijiet ta' finanzjament, l-assenza ta' ċertezzi jista' jkollha impatt negattiv fuq l-iffriżar ta' dan ta' l-aħħar. Din tkun qed tikkontradixxi b'mod sħiħ l-għażla tal-politiki difiżi mill-Komunità fil-firxa kollha tagħha u b'mod partikulari, in-neċessità essenzjali li jitkomplew dawn il-proġetti kbar bl-iqsar dewmien possibbli, bħalma kienu enfasizzaw għal bosta drabi l-Parlament Ewropew u l-Kunsill.
19. Minkejja dawn il-vantaġġi kollha, ir-riżorsi allokat għan-*networks* transewropej sassenja 2006 jidhru baxxi ħafna meta jiġu mqabbla ma' l-ispejjeż għat-twettiq tan-*network*. Ir-Regolament attwali li jiddetermina r-regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja komunitarja fil-qasam tan-*networks* transewropej, jikkonsisti għall-perijodu 2000-2006 f'baġit globali ta' 4,600 M€ (li minnhom 4,170 M€ huma

⁴ Cf. Il-Kapitolu II tar-rapport Van Miert li jista' jiġi konsultat fil-website "Europa" kif ukoll id-Dokument SEC (2003) 1060, ta' l-01/10/2003, "Analiżi profonda ta' impatt tal-proposta li temenda d-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE fuq l-iżvilupp tan-network transewropew ta' trasport".

⁵ Aktar minn 65% tal-baġit TEN huma dedikati għall-proġetti ferrovjarji u 20% għal sistemi intelliġenti ta' trasport (ITS) u innovattivi, bħalma huma s-sistemi interoperazzjonabbli fil-qasam ferrovjarju jew fin-navigazzjoni ta' l-ajru. Enfasi partikulari hi magħmula wkoll fuq l-iżvilupp ta' proġetti kbar bejn il-fruntieri għat-trasport tal-merkanzija li jibbenefikaw mill-assigurazzjoni tal-finanzjamenti.

destinati għat-trasport⁶), bilkemm 600 M€ fis-sena għall-perijodu, li jibqa' insuffiċjenti ħafna meta mqabbel mal-ħtiġijiet finanzjarji identifikati għan-*network* transewropew ta' trasport u meta mqabbla mad-domandi ta' l-għajnuna magħmula mill-Istati Membri li jirrappreżentaw bosta drabi dan il-baġit.

20. Forsi 1.9 biljun Euro jkunu mogħtija kull sena mill-Fond ta' koeżjoni li miegħu tiżdied għajnuna mhux negliġibbli mill-Fond Ewropew għal Żvilupp Reġionali (ERDF), dawn l-aħħar żewġ strumenti ma jivvantaġġawx ħlief ċerti pajjiżi jew reġjuni periferiċi u mhux l-infrastrutturi tar-reġjuni ċentrali fejn huma kkonċernati l-fenomini ta' konġestjoni. Kif ukoll, bil-maqlub ta' dak li ħafna jaħsbu, il-biċċa l-kbira tal-proġetti prijoritarji tan-*network* transewropew jinstabu fil-pajjiżi li mhumienx se jkunu aktar eleġibbli għal dawn iż-żewġ strumenti.
21. Il-Bank Ewropew ta' l-Investment (BEI) jikkontribwixxi wkoll għall-finanzjament tan-*networks*, iżda permezz ta' self. Dan irid ikun għaldaqstant imħallas lura u jikkonċentra ruħu essenzjalment fuq proġetti li għandhom ftit riskji b'detriment għal proġetti ferrovjarji jew bejn il-fruntieri aktar komplessi u li jħallu ftit qligħ wara ftit ta' żmien.
22. Fil-fatt, dewmien l-aktar flagranti qed jeffettwa l-proġetti ferrovjarji u l-konnessjonijiet ta' bejn il-fruntieri u mhux qed jippermetti li jintlaħaq il-massimu ta' dinamiżmu maħluq mill-ftuħ tas-suq ferrovjarju⁷: l-ebda waħda mit-traversati Alpini, bħalma huma dawk ta' Brenner u ta' Lyon-Turin li dwarhom ilhom jikkellmu mill-aħħar tas-snin 80 u li l-għan tagħhom hu li jneħħu l-konġestjonijiet mit-toroq prinċipali importanti li huma miżgħuda bit-trakkijiet ma għadha lesta u t-twettiq tagħhom mhux previst – jekk wieħed ikun ottimist – ħlief wara l-2015. Dan id-dewmien, barra minn hekk, huwa wieħed mis-sorsi prinċipali ta' konġestjoni u ta' żbilanċi bejn il-mezzi ta' trasport fl-ikbar toroq prinċipali importanti.
23. F'dan il-kuntest, huwa opportun li jiffakkar li t-twettiq tas-sezzjonijiet ta' bejn il-fruntieri – li hu suġġett għal għajnuna komunitarja adatta – bi ftehim ma' dik ta' sezzjonijiet nazzjonali jippermetti li tiżdied ir-rata ta' dħul bħala profitt ta' dawn ta' l-aħħar u se jkollha riperkussjonijiet ta' benefiċċju fuq komponenti oħra tan-*network*. Fil-fatt, bosta proġetti prijoritarji – bħalma huma l-proġetti ta' konnessjoni ferrovjarja Pariġi-Brussell-Köln-Amsterdam-Londra (PBKAL) – soffrew fil-passat minn nuqqas ta' kontinwità tan-*network*.
24. Sabiex ikun imminimizzat riskju bħal dan, se jkun hemm bżonn li jkun inkoraġġut – permezz ta' għajnuna finanzjarja komunitarja adegwata – il-finanzjament ta' infrastrutturi minn Stati li mhumienx direttament kkonċernati mix-xogħlijiet, iżda li jibbenefikaw mir-riperkussjonijiet ta' dawn ix-xogħlijiet. Dan diġà huwa l-każ ta' ċerti proġetti kbar prijoritarji. L-aħħar eżempju reċenti jikkonċerna l-ftehim Franko-Taljan ta' l-5 ta' Mejju 2004 għat-twettiq tal-mina prinċipali ta' Lyon-Turin li għandha parteċipazzjoni finanzjarja mill-Italja ta' 63% kontra 37% minn Franza, sabiex ikun ibbilanċjat il-piż ta' l-investimenti relattivi mal-proġett kollu – u b'hekk tiffaċilita t-twettiq – billi jkun ikkonsidrat notevolment il-fatt li t-toroq ta' aċċess li jridu jitwettqu jinstabu essenzjalment fi Franza.

⁶ 255 M€ addizzjonali kienu mogħtija bejn l-2004 u l-2006 minħabba t-tkabbir.

⁷ Total tal-ġarr bejn l-2007 u l-2010 għall-konnessjonijiet internazzjonali tal-passiġġieri

4. Bżonnijiet finanzjarji konsiderevoli.

25. Il-bżonnijiet finanzjarji tat-30 proġett prijoritarju fis-sens ta' l-Anness III għad-Deċiżjoni fuq l-orjentazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu man-*networks* transewropej ta' trasport identifikati mill-Kunsill u mill-Parlament⁸ jirrappreżentaw wehdedhom biss 225 biljun € li minnhom il-biċċa l-kbira ta' l-ispejjeż se jkunu appoġġati bejn l-2007 u l-2013, li tirrappreżenta bejn wiehded u ieħor 140 biljun €. It-tabella hawn taħt tagħti stima ta' l-ispejjeż – matul il-perijodu 2007-2013 – u ta' l-għajjnuna neċessarja lil 3 proġetti kbar prijoritarji fost dawk l-aktar magħrufa.

	Investimenti neċessarji matul il-perijodu 2007-2013 u l-għajjnuna annwali bażata fuq ir-rata ta' 50% (stimati f'M€)								
Proġett	Invest. 2007-2013	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	Total
PP6, Lyon-Turin, (sezzjoni internazzjonali) 2007-2013 ⁹	2.900	100	100	150	200	300	300	300	1.450
PP1, Brenner Basis mina (2007-2013)	2.200	50	75	125	150	150	250	300	1.100
PP3, Perpignan-Figueras ¹⁰	260	55	50	25	0	0	0	0	130
Total	5.360	205	225	300	350	450	550	600	2.680

26. Jekk l-għajjnuna komunitarja kienet – u tibqa' – attraenti fil-fażi ta' studji minħabba rata ta' ko-finanzjament li jista' jlaħħaq għal 50%, li tippermetti notevolment kontribuzzjoni fil-bidu ta' ċertu proġetti prijoritarji, din hija b'mod distintiv inqas fil-fażi tax-xogħol. L-ammont totali ta' l-għajjnuna komunitarja ma tistax taqbeż l-10% ta' l-ispiża totali ta' l-investimenti, ix-xogħlijiet ko-finanzjati wara l-istudji ma jistgħux lanqas jibbenefikaw b'mod sħiħ min-għajjnuna ta' 10%
27. L-adozzjoni tar-Regolament ġdid fil-qasam ta' għoti ta' għajjnuna finanzjarja komunitarja fil-proġetti tan-*networks* transewropej¹¹ jirrappreżenta, diġà avanz veru,

⁸ Id-Deċiżjoni Nru 884/2204/KE

⁹ Mnaqqas mill-għajjnuna diġà mogħtija

¹⁰ Spiża 2007-2009

¹¹ Ir-Regolament 807/2004 tal-21/04/2004, Ġ.U. L 143 tat-30/04/2004

għaliex hu jippermetti biex jikkonċentra l-għajnuna fuq il-proġetti li għandhom l-aktar bżonn (proġetti prijoritarji bejn il-fruntieri, jew li jaqsmu l-barrieri naturali), b'effett ta' lieva l-aktar importanti, - bis-saħħa ta' rata ta' għajnuna massima li twassal għal 20%¹². Iżda dan l-isforz għadu ma jidhix suffiċjenti biżżejjed fil-każ ta' ċerti proġetti kbar li jirrappreżentaw il-konnessjonijiet prinċipali tan-*network* u li l-ispiża li taqa' fuq l-Istati Membri hi konsiderevoli (ara. t-tabella hawn fuq).

28. Din l-emenda ma tittrattax ħlief ir-rata applikabbli għal proġetti li jibdw minn baġit li jinstab fil-perspettivi finanzjarji attwali u, bħala konsegwenza, ir-riżorsi finanzjari huma limitati. Ukoll, jidher neċessarju, bħala tkompija għall-finanzjamenti nazzjonali pubbliċi u privati, li tiżdied l-għajnuna komunitarja f'termini kemm ta' l-ammont ta' flus u tar-rata ta' intervent bl-iskop li jkun rinforzat l-effett ta' lieva tal-fondi komunitarji li jippermettu b'dal-mod li jitwettqu – b'konformità mal-programm indikat fl-Anness III tiegħu – il-proġetti prijoritarji li twaqqfu mid-deċiżjoni reċenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-orjentazzjonijiet TEN-Trasport.

III. KUNTEST ĠDID GĦAN-NETWORKS TRANSEWROPEJ TA' ENERĠIJA LI JINVOLVI BŻONNIJET ĠODDA

1. Is-suq intern ta' l-enerġija u d-dipendenza esterna.

29. Fis-settur ta' l-enerġija, id-Direttivi li jiftħu s-suq tal-gass u ta' l-elettriku fl-Ewropa għandhom bħala effett li jitbiddlu fundamentalment is-swieq u s-settur ta' l-enerġija. Minn issa sa l-2007, is-swieq ta' l-elettriku u tal-gass ta' l-Istati Membri kollha se jkunu miftuħa kompletament. Hu essenzjali li kompetizzjoni effettiva tistabbilixxi ruħha b'mod mgħaġġel u li l-konsumaturi jkollhom verament l-għażla tal-provveditur tas-servizzi tagħhom; li l-kwalità tas-servizzi, b'mod partikulari l-garanzija tal-provvista, tibqa' ta' l-oġġli livell, mingħajr *black-outs*; u li l-għanijiet miftiehma f'livell Ewropew, notevolment f'dak li jikkonċerna l-enerġiji rinnovabbli, jkunu milħuqa.
30. Bosta Kunsilli Ewropej suċċessivi (Stockholm (2001), Barċellona (2002), Brussell¹³ (2003)) għarfu li infrastruttura inadegwata tista' tikkomprometti b'mod serju l-progressi mwettqa f'dak li jikkonċerna s-suq ta' l-enerġiji u l-istruttura regolamentari.
31. Is-snin li ġejjin se jkunu kruċjali għall-Ewropa, fil-kuntest ta' dipendenza esterna li qed tiżdied u ta' instabilità kronika tas-swieq globali ta' l-enerġija. Id-dipendenza esterna tal-Komunità fil-qasam tal-gass għandha taqbeż il-50% attwali għal aktar minn 80% fil-2030. L-isfidi li jsegwu kienu analizzati fil-*Green Paper* dwar il-garanzija tal-provvista ta' l-enerġija¹⁴.
32. L-iżviluppi interni u esterni fil-qasam ta' l-infrastruttura għandhom ikunu mistħajla simultanjament. Il-Kunsill Ewropew ta' Brussell (2003) enfasizza li l-iżvilupp ta' l-infrastrutturi ta' l-enerġija jfissru l-impenn sħiħ tal-pajjiżi ġirien ġodda u msieħba ta' l-UE fis-suq Ewropew. Il-pajjiżi ġirien għandhom rwol essenzjali fil-politika ta' l-

¹² Din ir-rata miżjuda tikkonċerna wkoll il-proġetti prijoritarji fil-qasam ta' l-enerġija.

¹³ Li rratifikat l-Inizjattiva Ewropea ta' l-Iżvilupp.

¹⁴ Il-Green Paper "Lejn Strateġija Ewropea ta' Provvista ta' Enerġija" KUMM(2000)769

enerġija tal-Komunità, billi jipprovdu parti importanti mill-bżonnijiet tal-gass naturali tal-Komunità u billi jassiguraw il-ġarr ta' l-enerġija primarja lejn il-Komunità. Huma ser isiru progressivament parteċipanti importanti fis-swieq interni tal-gass u ta' l-elettriku tal-Komunità¹⁵.

33. L-iżvilupp ta' enerġiji rinnovabbli fl-Ewropa jista' jirrikjedi investimenti ġodda fis-sistemi ta' enerġija eżistenti, notevolment in-*networks* ta' l-elettriku. It-tisħiħ ta' l-infrastruttura tan-*networks* se jkun komponent essenzjali ta' politika Ewropea ta' żvilupp ta' l-enerġija tar-riħ *off-shore* per eżempju¹⁶. Dan hu diġà magħruf mill-orjentazzjonijiet tan-*networks* transewropej ta' l-enerġija, li fihom bosta proġetti prijoritarji jinkludu konnessjonijiet *off-shore*.
34. Dan kollu għandu implikazzjonijiet maġġuri għall-infrastrutturi ta' l-enerġija. L-infrastruttura eżistenti għandha tkun tista' tintuża biex tattira influssi ġodda ta' enerġija li għalihom hi ma kinitx prevista inizjalment. Bl-istess mod, il-bżonn ta' infrastrutturi ġodda se jippersisti fis-snin li ġejjin. F'dak li jikkonċerna s-settur ta' l-enerġija, orjentazzjonijiet komunitarji li jiddefinixxu objettivi, prijoritajiet u proġetti ta' interess komuni fil-qasam tan-*networks* transewropej ta' enerġija (RATE-E)¹⁷ kienu adottati mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.
35. L-għajnuna finanzjarja komunitarja mogħtija mil-linja tal-baġit TEN-Enerġija jleħħaq fil-mument attwali għal xi 22 miljun Euro fis-sena matul dan il-perijodu. Sal-preżent, l-għajnuna finanzjarja mogħtija kienet essenzjalment għal studji ta' flessibbiltà. L-evalwazzjonijiet magħmula¹⁸ jindikaw li dawn l-istudji kienu utli biex jistimulaw il-kooperazzjoni, l-elaborazzjoni ta' għażliet u l-akkwist ta' awtorizzazzjonijiet. F'termini finanzjarji, l-għajnuna tal-baġit TEN-E tirrappreżenta tradizzjonalment inqas minn 1% tal-ispejjeż totali ta' investiment tal-proġetti. Strumenti oħra komunitarji, kienu użati, kull wieħed skond il-filosofija ta' azzjoni¹⁹ proprja tiegħu, biex jappoġġa l-iżvilupp tan-*networks* ta' enerġija (fondi strutturali, programmi ta' kooperazzjoni esterni, Bank Ewropew ta' l-Investment).

2. Il-valur miżjud ta' l-azzjoni Ewropea

36. Bil-ftit il-ftit is-suq intern ta' l-enerġija qed jiżviluppa, il-benefiċċji ta' l-investimenti fil-qasam ta' l-infrastrutturi huma aktar imqassmin minn qabel. F'termini konkreti, interkonnessjoni elettrika li tippermetti l-iżvilupp ta' kompetizzjoni effettiva f'bosta swieq tibbenefika minn dawn is-swieq kollha. Terminal ġdid ta' gass naturali likwifikat (GNL) se kollu impatt fil-qasam tal-garanzija tal-provvista u tal-kompetizzjoni li tmur lil hinn mit-territorju ta' Stat Membru li fuq hu jkun mibni. Fl-istess ħin dan l-istat ta' fatt iżid il-valur ta' l-infrastrutturi ta' l-enerġija fil-livell ta' l-UE, hu għandu influwenza fuq il-mekkaniżmu ta' incensiv għall-investment fil-livell ta' l-Istati Membri. Avviċinament Ewropew mhux se jsir għalihom ħlief iktar neċessarju u aktar validu.

¹⁵ L-iżvilupp ta' politika ta' enerġija għal UE mkabbra, il-pajjiżi ġirien u msieħba, KUMM(2003)262

¹⁶ Kif indikat fil-"Parti ta' l-enerġiji rinnovabbli fl-UE KUMM(2004)366

¹⁷ Id-Deċiżjoni 1254/96/KE, id-Deċiżjoni Nru 1229/2003/KE

¹⁸ Evalwazzjoni f'nofs triq tal-programm TEN-E, 2004

¹⁹ 1996-2000: Fondi strutturali, bejn wieħed u ieħor 2 biljuni € ta' sussidju ; Bank Ewropew għall-Investment, bejn wieħed u ieħor 3 biljuni € f'self.

37. Fil-każ ta' interkonnessjoni elettriċa per eżempju, l-operaturi nazzjonali ta' transmissjoni se jieħdu normalment l-inkarigu ta' l-investment u l-ispejjeż se jkunu kkunsiderati permezz ta' iffissar ta' tariffi stabbiliti. Għaldaqstant, l-evalwazzjoni ta' l-interess ta' l-investimenti u ta' dak li huma jistgħu b'mod raġonevoli jisperaw li jirkupraw permezz tat-tariffi ta' konsum tibqa' essenzjalment nazzjonali. Għalhekk, il-benefiċċju Ewropew ta' investimenti simili ta' interkonnessjoni għandu ċertament ikun is-suġġett ta' rikonossiment u ta' għajjnuna speċifiċi.
38. Fil-każ ta' offerta esterna ta' gass, l-investimenti huma normalment assunti mill-kumpaniji privati ta' l-enerġija²⁰. L-investituri fil-qasam ta' l-infrastruttura ta' provvista ta' gass se jkunu konfrontati b'sitwazzjonijiet politiċi u ekonomiċi li mhumex permanenti, kemm fil-livell estern kif ukoll dak tas-suq intern (per eżempju: garanzija ta' domanda). L-interess pubbliku Ewropew f'dak li jikkonċerna l-provvista ta' gass garantita mis-suq Ewropew fl-għoxrin sena li ġejjin se jkun jista' jiġġustifika mhux biss appoġġ politiku u l-iżvilupp ta' strutturi adatti għall-investment iżda wkoll qsim tar-riskji li jikkonċernaw l-investimenti tal-bidu.
39. It-twaqqif ta' suq intern ta' l-elettriku u tal-gass żied l-importanza ta' l-adattament ta' l-infrastrutturi Ewropej li għandhom x'jaqsmu ma' l-enerġija sabiex jgħinu l-iżvilupp tas-suq kompetittiv fl-Ewropa u jiggarrantixxu l-provvista ta' enerġija lill-pajjiżi ġirien. Il-ftuħ u l-integrazzjoni tas-swieq bidlu wkoll l-inċentivi ta' l-investimenti. Barra minn hekk, attenzjoni ġdida tħares lejn l-investimenti li huma essenzjalment fl-interess Ewropew. Dan ifisser ukoll li l-għajnuniet pubbliċi ta' investment ta' l-infrastrutturi ma għandhomx jgħawġu l-kompetizzjoni.
40. Il-Komunità diġà approvat lista ta' proġetti ta' infrastruttura ta' enerġija ta' interess komuni, fl-orjentazzjoni TEN-Enerġija. Din il-lista tidentifika l-proġetti prijoritarji. Dawn huma proġetti kompatibbli ma' l-iżvilupp sostenibbli u li huma partikularment importanti għall-funzjoni kompetittiva tas-suq intern fl-Ewropa jew għat-tiżiħ tal-garanzija ta' provvista ta' l-Ewropa.
41. Dawn il-proġetti pijoritarji, aċċettati minn kulħadd peress li għandhom interess Ewropew definit, jiġġustifikaw stimolazzjoni u għajjnuna. Normalment, l-għajjnuna għal studji preparatorji (li jistgħu jinkludu xogħol ta' żvilupp li sar qabel) tista' tikkostitwixxi stimolazzjoni suffiċjenti. F'każijiet eċċezzjonali, kontribuzzjoni għall-kostruzzjoni tista' tkun neċessarja, essenzjalment marbuta ma' l-interess Ewropew, li ma jkunx jista' b'mod raġonevoli jkun assunt mill-konsumaturi wehdedhom ta' wieħed jew tnejn biss mill-Istati Membri.
42. Fil-passat, bl-appoġġ ikkonċentrat prinċipalment fuq l-istudji, l-għajjnuna *network* transewropej ta' enerġija (22 miljun Ewro fis-sena) telgħet għal kważi 1% ta' l-ispejjeż ta' investment fil-proġett. Fil-kuntest ġdid, jekk għajjnuna ta' 1.7% tiġi meqjusa bħala bażi plawsibbli u tiġi applikata fl-ispiża total ta' investment fl-Ewropa għall-proġetti prijoritarji identifikati fl-orjentazzjonijiet TEN-enerġija (20 biljun Euro), dan se jfisser baġit annwali medju ta' madwar 50 miljun € għall-perijodu 2007-2013.

²⁰

Ta' l-inqas għall-partijiet tan-*network* barra l-UE

3. Interkonnessjoni tan-*network* ta' l-elettriċità.

43. L-appoġġ TEN-E se jikkonċentra lillu nnifsu fuq proġetti jew partijiet ta' proġetti identifikati fl-orjentazzjonijiet TEN-E²¹ li għalihom l-għajjnuna Ewropea se tiġġenera l-akbar valur miżjud, u se tippermetti li jitmexxa 'l quddiem it-tħaddim. L-appoġġ għall-proġetti TEN-E mhux se jkun mogħti ħlief jekk id-diffikultajiet ekonomiċi jkunu jinħassu fl-istruttura tal-proġetti finanzjati mis-settur privat waħdu. Hu probabbli li dawn il-proġetti jkunu daww li għalihom il-benefiċċji huma mqassma bl-aktar mod wiesa'.
44. Il-Kunsill Ewropew ta' Barċellona fl-2002 enfażizza l-importanza li jitlestew il-konnessjonijiet neqsin tan-*networks* ta' l-elettriku u li jkun iffissat objettiv konkret għall-interkonnessjonijiet ta' l-elettriku ta' l-anqas 10% tal-kapaċità ta' ġenerazzjoni elettrika domestika installata. Dan il-livell għadu mhux milhuk f'bosta Stati Membri L-iskambji ta' elettriċità bejn il-fruntieri fl-Ewropa ma jaqbix it-8% tal-konsum. Il-Kunsill Ewropew irrikonoxxa wkoll li hu possibbli li l-objettiv ta' 10% mhux suffiċjenti fil-każijiet fejn hemm konċentrazzjoni qawwija tas-suq.
45. Interkonnessjonijiet ta' l-elettriku inadegwati se jkollhom ukoll bħala effett li jillimitaw il-garanzija ta' provvista ta' tħaddim tan-*networks*, u li jikkompromettu l-isforzi ta' prevenzjoni u ta' mmaniġġjar tal-*black-outs* ta' l-elettriku. Fl-Italja per eżempju, ir-rinforz ta' konnessjonijiet ta' l-elettriku mal-pajjiżi ġirien, b'mod partikulari l-Awstrija u s-Slovenja, se jwasslu għal dipendenza u għal diversità akbar fl-offerta. It-tħaddim koordinat tan-*networks* ta' l-elettriċità fil-Komunità u fil-pajjiżi ġirien jista' jikkontribwixxi b'mod sinifikattiv għall-garanzija tal-provvista. Fil-futur imbiegħed, kapaċità ta' interkonnessjoni ta' elettriċità mhux adattata se jkollha effett ta' ħsara għall-użu effikaċi tar-riżorsi ta' l-enerġija fl-Ewropa.

4. Tisħiħ tal-provvista ta' gass

46. Id-dipendenza esterna tal-Komunità fil-qasam tal-gass għandha taqbeż il-50% attwali għal aktar minn 80% fil-2030. Jekk ikun ikkonsidrat il-ħin normalment neċessarju għall-proġetti l-kbar li jinvolvu investimenti f'bosta pajjiżi, avviċinament prudenti ser jimplika li investimenti sostanzjali se jkunu magħmula minn issa 'l quddiem fir-riabilitazzjoni u l-kostruzzjoni ta' *networks* ġodda sabiex tkun assigurata l-provvista ta' gass ta' l-Ewropa li tkun ġejja minn pajjiżi oħra, b'mod partikulari r-Russja, l-Alġerija, ir-reġjun tal-Baħar Kaspjan, u l-Mashrek.

IV. DWAR IN-NEĊESSITÀ TA' STRUTTURA ĠDIDA GĦAN-*NETWORKS* TRANSEWROPEJ TA' TRASPORT U TA' L-ENERĠIJA

47. Meta jkun ikkonsidrat dak li ppreċieda, lil hinn mis-sempliċi aspetti ta' baġit, jidher neċessarju li tipproċedi r-reviżjoni fuq l-akbar skala tad-dispożizzjonijiet, ta' qasam ta' applikazzjoni u ta' l-istrumenti ta' tħaddim tar-Regolament TEN sabiex ikunu miżmuma kif suppost il-prijoritajiet fil-qasam tal-politika tan-*networks* transewropej ta' trasport u enerġija esposti mill-Unjoni matul il-perijodu 2007-2013 li huma

²¹ Id-Deċiżjoni Nru 1229/2003/KE u l-emendi proposti

riflessi fid-deċiżjonijiet ġodda dwar l-orjentazzjonijiet adottati kif ukoll fil-pożizzjoni li hađu l-Kunsill u l-Parlament Ewropew.

48. Sabiex jirrispondu b'mod sħiħ għall-oġettivi tal-Komunità fil-qasam ta' l-iżvilupp tan-*network*, ir-Regolament il-ġdid jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali ta' l-għoti ta' l-għajnuna li jibbażaw ruħhom fuq il-prinċipji l-kbar li ġejjin:

Semplifikazzjoni

Sabiex tinżamm is-semplifikazzjoni, b'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-perspettivi finanzjarji, il-metodi ta' applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji ġenerali se jkunu deċiżi bil-proċedura ta' komitoloġija u mhux tal-ko-deċiżjoni.

Il-proċedura tat-tħaddim tal-kumitat stabbilita mir-Regolament hija emendata sabiex tikkonforma mad-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-1999 fil-qasam tal-komitologija²². L-għażliet essenzjali għall-proġetti prijoritarji jintlaħqu permezz ta' ko-deċiżjoni u jkunu bħala konsegwenza deċiżi mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill. Jekk tkun ikkunsidrata l-esperjenza akkwistata fl-applikazzjoni tar-Regolament Nru 2236/95 u tan-natura tal-kompetenzi mogħtija lill-Kummissjoni minn dan ir-Regolament, l-għażla ta' kumitat konsultatattiv tidher l-aktar adatta.

Kondizzjonalità

Il-kondizzjonalità ta' l-għajnuniet fir-rigward ta' l-elementi tal-politika komuni tat-trasporti u ta' l-enerġija qed isiru punt essenzjali tar-Regolament il-ġdid. Din timmanifesta lilha nfisha fit-trasport b'attenzjoni partikulari mogħtija lill-metodi ta' trasporti li jirrispettaw l-aktar l-ambjent, bħalma huwa t-trasport ferrovjarju, b'mod partikulari ġarr ta' merkanzija, sigurezza u sigurtà. Fl-istess waqt, kull domanda ta' finanzjament tal-linji ferrovjarji ta' veloċità kbira għandha tkun akkumpanjata b'analiżi tal-kapaċitajiet liberati minn kull kontroll fuq l-infrastruttura eżistenti favur l-iżvilupp ta' ġarr ta' merkanzija bil-ferrovija għal distanza twila. Il-finanzjamenti għan-*networks* ta' trasport u enerġija għalhekk fil-baġit TEN se jkunu wkoll kondizzjonati bil-garanzija tal-kontinwità u ta' l-interoperabilità tan-*networks*.

Selettività u konċentrazzjoni

It-tħaddim ta' dawn l-elementi ta' kondizzjonalità se tintwera permezz ta' selettività akbar tal-proġetti li jiffaċilitaw il-konċentrazzjoni tal-fondi fuq numru aktar limitat bejniethom, b'mod partikulari dawk li jippreżentaw l-akbar valur miżjud komunitarju. Din se tippermetti fl-istess waqt biex ikunu mwieġba aħjar l-aspettattivi tal-promotturi tal-proġetti u biex twieġeb għall-ħtiġijiet ta' mmaniġġjar b'saħħtu u effikaċi.

Dan il-baġit propost għall-TEN-T li jwassal bejn wiehded u ieħor għal 20 biljun € bejn il-perijodu 2007-2013 qed jipprova jkun ambizzjuż. Il-baġit (medju) li jammonta għal 2.9 biljuni € fis-sena kontra bilkemm aktar minn 600 miljun € għall-perijodu attwali, dan il-finanzjament se jippermetti li jassigura parti sinifikanti ta' l-investment totali f'dak li jikkonċerna ċerti proġetti prijoritarji TEN-Trasport.

²²

Id-Deċiżjoni Nru KE/1999/468 tat-28 ta' Ġunju 1999, ĠU L 184 tas-17 ta' Ġunju 1999

Barra minn hekk, sabiex ikun rinforzat l-effett ta' lieva ta' l-intervenzjoni komunitarja, it-totalità tal-baġit disponibbli se tkun konċentrata fuq żewġ gruppi waħidhom ta' proġetti li jirrappreżentaw il-bażi tan-*network* transewropew ta' trasport:

- il-proġetti prijoritarji u fosthom attenzjoni partikulari se tkun mogħtija lill-proġetti li jikkontribwixxu għall-integrazzjoni tas-suq intern f'Komunità mkabbra u li jikkontribwixxu b'mod qawwi biex jitnaqqsu l-iżbilanċi bejn il-metodi ta' trasport, favur dawk li l-aktar jirrispettaw l-ambjent, b'mod partikulari għat-trasport tal-ġarr tal-merkanzija għal distanza twila;

- il-proġetti l-oħra ta' interess komuni u b'mod partikulari l-proġetti li jikkontribwixxu għat-titjib tal-kwalità tas-servizz offrut fuq in-*network* u li jiffavorixxi, fost l-oħrajn, is-sigurtà²³ u s-sigurezza ta' l-klijenti u jassiguraw l-interoperabilità bejn in-*networks* nazzjonali, notevolment il-programmi ta' skjarament tas-sistemi ta' l-immaniġġjar tat-traffiku ferrovjarju, spazjali u marittimu.

Fil-qasam ta' l-enerġija, il-finanzjamenti se jkunu essezjalment konċentrati fuq il-proġetti prijoritarji identifikati fid-Deċiżjoni dwar l-orjentazzjonijiet Nru 1229/2003/KE. L-appoġġ, li jkopri l-ewwelnett l-istudji tal-flessibbiltà se jikkonċerna l-fażi ta' l-iżvilupp tal-proġetti (li jippreċiedu l-kostruzzjoni), fosthom l-istudji tekniċi ta' l-istudji ġeoloġiċi u tat-tfittix fiż-żoni li għandhom aċċess diffiċli li jistgħu jagħmlu dawn l-attivitajiet għaljin ħafna. L-appoġġ għall-fażi ta' kostruzzjoni se tkun ġustifikata f'każijiet eċċezzjonali fejn il-valur miżjud Ewropew se jkun għoli ħafna jew fejn l-ostakoli naturali huma diffiċli li jinqabżu. Dan jista' jkun il-każ għall-proġetti ta' bejn il-fruntieri u l-interkonnessjonijiet mal-pajjiżi ġirien.

Proporzjonalità

Fil-qasam tat-trasport, dan ir-Regolament jipprevedi, għal ċerti sezzjonijiet proġetti prijoritarji, li jwasslu għal 30% r-rata massima ta' ko-finanzjament, u għal raġuni kompletament eċċezzjonali, għal sezzjonijiet bejn il-fruntieri, din ir-rata massima hija ffixxata sa 50%. Ir-rata ta' ko-finanzjament se tkun għalhekk ta' inċentiv ħafna akbar u proporzjonalment għall-valur miżjud tal-proġett lill-Komunità fi kliem ieħor għall-vantaġġi li jieħdu l-pajjiżi l-oħra mit-tweġġ ta' infrastruttura. F'dawn il-kondizzjonijiet, se jkun eħfef li jkun assigurat, minn banda, ir-rispett ta' l-iskeda tat-tweġġ iffissat mid-deċiżjoni reċenti dwar l-orjentazzjonijiet u, mill-banda l-oħra, li tkun garantita l-kontinwità tan-*network* meta hu magħruf li s-sezzjonijiet ta' bejn il-fruntieri li jippermettu l-konnessjonijiet ta' *networks* nazzjonali kienu b'mod partikulari penalizzati bin-nuqqas ta' finanzjamenti.

Barra minn hekk, ir-rata ta' ko-finanzjament miżjud – se tippermetti, għal ħafna proġetti li għandhom jibdew bejn l-2007 u l-2010, li jagħlqu l-arranġamenti finanzjarji – li llum il-ġurnata juru lilhom infushom problematiċi, minħabba l-garanzija ta' finanzjament komunitarju fuq perijodu ta' 7 snin. Hu meħtieġ għaldaqstant li jkun innotat li dawn ir-rati huma rati massimi – u bħala konsegwenza r-rata medja ta' impenn se tkun b'mod sinifikattiv aktar dgħajfa aktar u aktar għax parti minn din l-ġhotja se sservi wkoll biex tappoġġa proġetti teknoloġiċi u

²³

Id-Direttiva Nru 2004/54 tad-29 April 2004, fil-qasam tas-sigurtà tal-mini.

industrijali bħalma huma l-interoperabilità, l-immaniġġjar tat-traffiku ta' l-ajru fl-ambitu tal-ftehim "sema unika", is-sigurtà u s-sigurezza (li mhumiex direttament inklużi f'dawn il-proġetti prijoritarji). Bħala kumpens ta' żieda fl-għajjnuna finanzjarja komunitarja, l-Istati Membri għandhom jagħtu garanziji li wieħed jista' joqgħod fuqhom – a bażi ta' pjan finanzjarju u ta' impenni sħaħ dwar id-dati tat-twettiq tal-proġett. F'din l-istruttura, konvenzjonijiet magħmulin bejn l-Istati Membri konċernati u l-Kummissjoni se jkunu jistgħu jgħinu biex isaħħu l-impenn ta' dawn l-Istati biex jassiguraw it-tħaddim ta' proġetti fuq skala kbira. Il-Kummissjoni se tara li ż-żieda tar-rata ta' ko-finanzjament ma twassalx għal dewmien fit-twettiq tal-proġetti, li d-definizzjoni tagħhom qiegħda fil-proċess li tkun lesta u li l-pjan ta' finanzjament għadu mhux deċiż. Barra minn hekk, sabiex tiffaċilita t-tħaddim koordinat ta' ċerti proġetti inklużi fl-Anness III għad-Deċizzjoni dwar l-orjentazzjonijiet TEN Nru 884/2007 u kif stipulat fl-Artikolu 17b ta' din l-istess Deċizzjoni, il-Kummissjoni se tkun tista' tirreferi għal koordinatur Ewropew.

It-tabella hawn taħt tippreżenta dettall tar-rati ta' appoġġ skond il-kategorija ta' proġetti (trasport).

	Rata massima	
	Studji	Kostruzzjoni
1. Proġetti prijoritarji ²⁴	50%	sa 30%
is-sezzjonijiet ta' bejn il-fruntieri tagħhom	50%	sa 50%
2a. Proġetti oħra fosthom l-Interoperabilità – sigurtà – sigurezza	50%	sa 50%
2b. Proġetti oħra ta' interess komuni	50%	sa 15%

F'dan is-settur ta' l-enerġija, l-appoġġ għall-istudji jista' jleħħaq il-50% ta' l-ispejjeż eliġibbli, filwaqt li rata applikabbli għall-kostruzzjoni hi normalment limitata għal 10% ta' l-ispejjeż eliġibbli. F'każijiet eċċezzjonali, u notevolment għall-proġetti prijoritarji li jridu jegħlbu sfidi finanzjarji importanti u li jippreżentaw benefiċċji b'mod partikulari importanti identifikati fuq skala Ewropea – li hu normalment il-każ tal-proġetti ta' bejn il-fruntieri jew l-interkonnessjoni bejn il-pajjiżi ġirien – dawn il-proġetti jistgħu jkunu sussidjati sa 20%. Minħabba l-karattru kompetittiv ta' l-enerġija, mhux qed ikun propost li jiżdied il-perċentwali massimu ta' appoġġ lil hinn mil-livell aċċettat fl-istruttura tar-Regolament TEN attwali. Il-finanzjament TEN-enerġija għax-xogħlijiet għandu jkun limitat għall-partijiet tal-proġetti li jinstabu

²⁴

Fis-sens ta' l-Anness III għad-Deċizzjoni Nru 884/2004 tal-21 ta' April 2004.

għewwa l-Komunità. L-appoġġ ta' l-istudji se jkun jista' jkopri t-totalità tal-proġetti li jinkludi l-elementi tiegħu misjubin barra l-Komunità.

Rigward l-appoġġ finanzjarju għall-kostruzzjoni tal-proġetti fis-sezzjonijiet tal-proġetti li jinstabu f'pajjiżi mseħbin, il-koordinazzjoni ma' strumenti ta' l-Unjoni (strumenti dedikati għall-politika esterna, il-Bank Ewropew għall-Investment eċċ.) hu essenzjali, sabiex jirrendi possibbli appoġġ finanzjarju permezz ta' dawn l-istrumenti għall-pajjiżi mseħbin fil-proġetti TEN-Enerġija. Strumenti finanzjarji bħalma huma l-kapital-riskju, is-sussidji lir-rati ta' interess għas-self, il-garanziji ta' self, il-kopertura tar-riskji mhux kummerċjali, eċċ., jistgħu jkunu disponibbli permezz ta' dawn l-istrumenti għall-proġetti importanti ta' infrastruttura tal-pajjiżi mseħbin tagħna.

Forum ta' intervent

Bosta metodi huma għad-dispożizzjoni tal-promoturi sabiex jiffaċilitaw it-tħaddim tal-proġetti. Minn barra l-bonusijiet ta' interess, li jimmiraw biex jimmoderaw il-piż ta' l-interess tas-self, li huma kemm kemm użati attwalment – u l-parteċipazzjoni fil-kapital ta' riskju – li jagħmlu diġà parti mid-dispożizzjonijiet maħsuba mir-Regolament li għadu għaddej, il-ħolqien ta' strument ta' garanzija, li jkopri r-riskji speċifiċi tal-proġetti TEN fil-fażi posterjuri għall-kostruzzjoni jagħmel parti mill-istrumenti finanzjarji speċifiċi li r-Regolament il-ġdid qed jipproponi li jintroduċi. L-oġettiv ta' dan l-instrument ġdid ta' garanzija hu li jeżerċita effett ta' lieva għall-finanzjament ta' proġetti tan-*network* transewropew ta' trasport permezz tas-settur privat. Hu għandu jgħin biex ikun ikkontrollat l-infiq tal-finanzjament u biex tkun aċċellerata l-konklużjoni ta' "pakketti" finanzjarji mis-settur privat, notevolment permezz tal-banek privati. Il-garanzija se tkun limitata għall-fażi ta' tluq operazzjonali tal-proġett u / jew għal perċentwali massimu ta' self lis-settur privat. Kontribuzzjoni sinifikattiva ta' l-Istati Membri li fihom il-proġetti se jkunu mwettqa se tkun obligatorja. Il-proposta dettaljata kif ukoll il-kondizzjonijiet u l-metodi ta' applikazzjoni se jkunu s-suġġett ta' komunikazzjoni separata. Meta tkun ikkunsidrata l-komplessità relattiva tat-totalità ta' dawn l-istrumenti, il-bżonn li wieħed jirrikorri għal kompetenza biex ikunu mmaniġġjati l-istrumenti finanzjarji ta' dan it-tip se tkun tista' turi li hi neċessarja.

Maniġġjar

It-tħaddim tal-proġetti jaqa' l-ewwelnett taħt ir-responsabbiltà ta' l-Istati Membri skond is-sistema istituzzjonali partikulari ta' kull Stat. Din ir-responsabbiltà titħaddem b'konfomità mar-Regolament ġdid li jippreċiża l-mezzi mħaddma, ir-responsabbiltajiet rispettivi tal-Kummissjoni u l-Istati Membri għas-selezzjoni, l-immaniġġjar tal-proġetti u l-kontroll tas-sussidji. B'mod partikulari, ir-Regolament ġdid – filwaqt li jżomm ir-rwol deċiżiv tal-Kummissjoni rigward id-Deċiżjoni finali dwar is-selezzjoni tal-proġetti – jipproponi li jagħti rwol prinċipali lill-Istati Membri fil-kontroll tat-teknika u ċ-ċertifikar ta' l-ispejjeż.

Għall-eżekuzzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tirriserva d-dritt li tiddelega l-immaniġġjar ta' dan il-programm lill-Aġenzija eżekuttiva għan-*networks* transewropej ta' trasport billi jkun rispettata ir-Regolament tal-Kunsill Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002. Din l-eventwalità ma titfax dubju dwar ir-responsabbiltà

tal-programmazzjoni mill-Kummissjoni. Se jkun ikkonċernat sempliċement id-delegar ta' ċerti xogħlijiet ta' mmaniġġjar lill-Aġenzija.

V. KUMMENTARJI LI JIKKONĊERNAW L-ARTIKOLI

Artikolu 1 jiddefinixxi s-suġġett tal-programm. Dan l-Artikolu huwa kważi l-istess bħall-ewwel Artikolu ta' dan ir-Regolament f'dak li jikkonċerna l-ġhoti ta' għajjnuna finanzjarja komunitarja fil-qasam tan-*networks* transewropej ta' trasport u enerġija.

Artikolu 2 jagħti d-definizzjonijiet tat-termini użati f'dan ir-Regolament.

L-Artikolu 3 jiddefinixxi l-kriterji ta' eliġibbiltà tal-kandidati u jikkorrispondu ma' l-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 4 jistabbilixxi l-klawsoli ta' preżentazzjoni tad-domandi ta' għajjnuna u jargħ' jaqbad sa ċertu punt l-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 5 juri l-kriterji tas-selezzjoni għall-ġhoti ta' għajnun fil-qasam tat-trasport u ta' l-enerġija. L-Artikolu jipprevedi li hu neċessarju li tkun mogħtija attenzjoni partikulari lill-proġetti prijoritarji li jibbenefikaw bħala konsegwenza minn finanzjament miżjud.

L-Artikolu 6 jiddefinixxi l-qasam ta' applikazzjoni tar-Regolament li huwa identiku ma' dak ta' dan ir-Regolament ħlief fir-riskji inerenti għall-fażi ta' wara l-konstruzzjoni li huma minn issa 'l quddiem koperti minn instrument ta' garanzija.

L-Artikolu 7 jistabbilixxi l-klawsoli ta' intervent kif ukoll ir-rati massimi ta' appoġġ finanzjarju komunitarju. Dan l-Artikolu jispeċifika wkoll li l-Kummissjoni se tiddeċiedi l-klawsoli, il-programm u ċ-ċifri ta' pagamenti għall-istrumenti finanzjarji permezz tal-komitoloġija.

L-Artikolu 8 jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet relatati ma' l-akkumulazzjoni ta' l-għajjnuna finanzjarja komunitarja għall-azzjonijiet differenti fl-ambitu ta' l-istess proġett.

L-Artikolu 9 jittratta l-koordinazzjoni u l-kompatibilità mal-politiki l-oħra komunitarji li għandhom jirrispettaw il-proġetti finanzjati fl-ambitu tar-Regolament.

Artikolu 10 jistabbilixxi r-responsabbiltà tal-Kummissjoni għat-tħaddim tar-Regolament.

L-Artikolu 11 jipprevedi li l-Kummissjoni tistabbilixxi programm għal numru ta' snin li jkopri l-proġetti prijoritarji u jiddefinixxi ċ-ċifra ta' l-għajjnuna finanzjarja għall-perijodu 2007-2013. Programm annwali se jiddefinixxi l-kriterji għall-ġhoti ta' għajjnuna finanzjarja għall-proġetti ta' interess komuni li mhumiex inklużi fil-programmazzjoni mifruxa fuq numru ta' snin.

L-Artikolu 12 jispeċifika l-klawsoli ta' l-ġhoti ta' għajjnuna finanzjarja komunitarja li tirriżulta fl-adottament tad-deċiżjonijiet ta' eżekuzzjoni tal-baġit annwali kkondizzjonati mill-istat ta' progress tal-proġetti u tad-disponibiltajiet tal-baġits. L-Artikolu jiddefinixxi l-klawsoli ta' notifikazzjoni tad-deċiżjonijiet ta' l-ġhoti tal-Kummissjoni.

L-Artikolu 13 jirripeti l-ex-Artikolu 11 li għandu x'jaqsa mad-dispożizzjonijiet tal-pagament.

L-Artikolu 14 jitratta r-responsibbiltà ta' l-Istati Membri. L-Istati Membri se jkollhom jikkontrollaw u jivverifikaw l-azzjonijiet li huma benefiċjarji ta' għajnuna komunitarja.

L-Artikolu 15 jikkonċerna l-klawsoli ta' kontroll, ta' annullament, ta' riduzzjoni, ta' sospensjoni u ta' soppressjoni ta' l-għajnuna komunitarja u jibqa' kważi l-istess bħall-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni tista' fil-każijiet konċernati teżiġi r-rimborż ta' l-għajnuna finanzjarja, b'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità.

L-Artikolu 16 jipprevedi l-miżuri ta' protezzjoni finanzjarji sabiex tkun assicurata l-eżekuzzjoni adatta ta' l-azzjonijiet appoġġati u biex ma tħallix u biex tissanzjona l-irregolaritajiet.

L-Artikolu 17 jipprevedi li l-Kummissjoni se tkun assistita minn kumitat tat-tip imsejjaħ konsultattiv fit-tħaddim ta' ċerti artikoli tar-Regolament.

L-Artikolu 18 jipprevedi evalwazzjoni ta' l-azzjonijiet appoġġati, mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri.

L-Artikolu 19 jipprevedi li l-Kummissjoni se tagħmel rapport lill-istituzzjonijiet l-oħra kull tliet snin dwar l-attivitajiet imwettqa. Dan l-Artikolu jeżiġi wkoll li l-Istati Membri u l-benefiċjarji jxandru b'mod pubbliku l-għajnuna komunitarja.

L-Artikolu 20 jagħti ċ-ċifra finanzjarja ta' referenza għall-perijodu 2007-2013.

L-Artikolu 21 jipprevedi klawsola ta' reviżjoni tal-programm għal wara l-2013 ibbażat fuq l-esperjenzi akkwistati u komunikati lill-Parlament u lill-Kunsill qabel l-aħħar ta' l-2010.

L-Artikolu 22 jikkonċerna l-emendi mwassla minn dan ir-Regolament għar-Regolament Nru 2236/95.

L-Artikolu 23 jipprevedi d-dħul fis-seħħ tar-Regolament, kif ukoll l-applikazzjoni tiegħu mill-1 ta' Jannar 2007. Għall-azzjonijiet li għadhom għaddejjin waqt id-dħul fis-seħħ tar-Regolament, ir-Regolament Nru 2236/95 jibqa' applikabbli.

ANNES GĦAD-DESKRIZZJONI TA' L-GĦANIJIET

I. Valur miżjud komunitarju, sussidjarjetà u proporzjonalità

- Liema huma l-oġġettivi tal-miżuri previsti mqabbla ma' l-obbligazzjonijiet tal-Komunità?

Taħt it-Titolu XV tat-Trattat, il-Komunità għandha l-obbligazzjoni li tikkontribwixxi fit-twaqqif u fl-iżvilupp tan-*networks* transewropej fil-qasam tat-trasport u ta' l-enerġija. L-azzjoni tal-Komunità timmira – fost l-oħrajn – li tippromwovi l-interkonnessjonijiet u l-interoperabilità tan-*networks* nazzjonali bl-iskop li tkun assigurata kontinwità ta' dawn ta' l-aħħar u livell għoli ta' sigurtà u sigurezza għall-klijenti.

- Il-miżuri previsti jaqgħu taħt il-kompetenza esklussiva tal-Komunità jew din hi maqsuma ma' l-Istati Membri?

Il-kompetenza hi maqsuma ma' l-Istati Membri.

- X'inhì d-dimensjoni komunitarja tal-problema?

L-infrastrutturi tat-trasport jiddependu essenzjalment mill-finanzjamenti mogħtija mill-baġits nazzjonali. Issa dawn, f'perijodu ta' restrizzjonijiet intensivi tal-baġit, jagħtu preferenza lill-investimenti tas-sezzjonijiet domestiċi meta mqabbla mal-konnessjonijiet transnazzjonali li għalihom id-dħul finanzjarju hu aktar dgħajef u b'diffikultajiet importanti ta' koordinazzjoni bejn il-fruntieri. Jekk il-Komunità ma taċċettax il-parti ta' finanzjament, il-biċċa l-kbira tal-konnessjonijiet transnazzjonali, għalkemm fil-qalba tal-ġustifikazzjoni politika tan-*network* transewropew mistenni li jikkonnettja n-*networks* nazzjonali, se jkollhom dewmien konsiderevoli.

Għan-*networks* ta' enerġija, id-dimensjoni komunitarja tiġi essenzjalment mis-suq intern ta' l-elettriċità li ġie stabbilit mill-ġdid. Bħalma l-Kunsill Ewropew ikkonkluda f'bosta okkażjonijiet, infrastrutturi inadegwati se jimminaw b'mod fundamentali l-progressi magħmulin fil-qasam tas-suq ta' l-elettriċità u fl-ambitu statutorju. Fis-snin li ġejjin, l-infrastrutturi ta' l-enerġija fl-Ewropa se jkollhom jiġu adattati biex ikunu jifilħu għall-flussi ta' enerġija li għalihom huma ma kinux fil-bidunett maħdumin għad-daqs tagħhom. Il-konsumaturi tal-Komunità kollha se jibbenefikaw mill-investimenti bħal dawk dedikati għall-interkonnessjonijiet li se jippermettu t-tħaddim tan-*networks* fuq skala Ewropea. Bl-istess mod, huma se jibbenefikaw mill-investimenti fl-infrastruttura l-ġdida ta' l-offerta esterna lill-Ewropa, li hemm bżonnha minħabba d-dipendenza ta' l-enerġija li qed tiżdied. Fl-aħħarnett, dawn in-*networks* transewropej se jinkoraġġixxu użu effikaċi ta' sorsi ta' enerġija minn naħa għal oħra ta' l-Ewropa, notevolment ta' enerġiji rinnovabbli.

- Jistgħu dawn l-oġġettivi jkunu milħuqa b'mod adatt mill-Istati Membri?

Fis-settur tat-trasport, il-proġetti l-kbar sabiex tkun imtejba l-kotra tat-traffiku għandhom riperkussjonijiet transewropej li jeċċedu l-fruntieri nazzjonali. Mhux kredibbli li jkun mistenni li dawn il-pajjiżi jiffinanzjaw – waħidhom – dawn l-infrastrutturi filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-vantaġġi ta' proġetti simili jittieħdu minn pajjiżi oħra.

Fin-*networks* ta' l-enerġija, l-għajnuniet għall-investiment kienu emendati mill-ftuħ u l-integrazzjoni tas-swieq. L-investimenti li huma essenzjalment ta' interess transewropew, bħall-interkonnessjonijiet, ma jistgħux ikunu mħallsa biss mill-kontributorji ta' wieħed jew tnejn mill-Istati Membri weħedhom.

- X'inhi s-soluzzjoni l-aktar effikaċi, dik li titwettaq permezz ta' azzjoni komunitarja jew dik li titwettaq permezz ta' azzjoni nazzjonali? X'inhum l-valur miżjud miġjub mill-azzjoni komunitarja u x'ser ikun il-prezz li jrid jitħallas jekk ma jsir xejn?

F'dan il-qasam tat-trasport, il-proġetti ta' interess komuni kienu diġà identifikati fid-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill relattiva ma' l-orjentazzjonijiet TEN-T. Għaldaqstant, l-interess nazzjonali bl-iskop li jitwettqu investimenti sabiex ikun possibbli s-seħħ ta' *network* ta' trasport interkonness u interoperabbli, kompetittiv u aċċertat mhux probabbilment daqshekk għoli daqs l-interess miġjub mill-Komunità. Id-dewmien fit-twettiq tal-proġetti 14-il proġett prijoritarji identifikati f'Essen u b'mod partikulari tal-proġetti bejn il-fruntieri jwassal għall-konferma ta' din il-konklużjoni. Filwaqt li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' skambji, notevolment bejn l-Istati Membri, u filwaqt li jtejbu l-aċċessibbiltà, dawn il-proġetti għandhom ikabbru l-potenzjal ta' l-iżvilupp minn 0.2 għal 0.3 % tal-GDP, li jikkorrispondi għal miljun impjieg permanenti. Huma se jnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ b'4% meta mqabbla mat-tendenza. F'dan il-kuntest, l-appoġġ komunitarju għal dawn il-proġetti ta' interess komuni jista' jipprova li hu essenzjali u fil-każijiet kollha li hu ġustifikat. Il-prezz tan-nuqqas ta' seħħ ta' l-azzjonijiet jirriżulta f'infrastruttura notorjament inadatta meta mqabbla mal-bżonnijiet, li jista' jkollu impatt negattiv mhux biss fuq in-*networks* ta' trasport b'mod ġenerali, iżda wkoll fuq il-livell tal-konġestjoni, tas-sigurtà, tat-tniġġis u l-aċċessibbiltà tar-reġjuni periferiċi b'effetti indiretti fuq l-iżvilupp u l-kompetittività ta' l-Unjoni kollha.

Għan-*networks* ta' enerġija, proġetti ta' interess Ewropew għandhom ikunu wkoll identifikati, fid-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Parlament dwar l-orjentazzjonijiet TEN-Enerġija. Għaldaqstant, l-interessi nazzjonali fl-investimenti li jippermettu l-iżvilupp ta' suq ta' enerġija integrata u kompetittiva fl-Ewropa jistgħu ma jkunux daqstant importanti daqs l-interess tal-Komunità. Il-progressi bil-lajma reġistrati fl-investimenti ta' bejn il-fruntieri jikkonfermaw din il-konklużjoni. Hu għalhekk appoġġ komunitarju għal proġetti ta' interess Ewropew li jista' jkun ipprovat essenzjali u se jkun f'kull każ ġustifikat. Mhux tant kwistjoni li jkun offrut valur miżjud lill-azzjoni ta' Stat Membru iżda li tkun magħmula enfasi speċifika fuq l-investimenti b'interess Ewropew. Il-prezz ta' nuqqas ta' azzjoni se jkun infrastruttura inadegwata, li ddgħajef l-iżvilupp tas-suq intern ta' l-enerġija.

- L-intensità ta' l-azzjoni tal-Komunità hija proporzjonali għall-oġġettivi li jridu jkunu milħuqa?

Għat-trasport hu propost appoġġ medju (globali) ta' madwar 15% ta' l-ispiża totali ta' l-investimenti għall-proġetti prijoritarji hu propost. Is-sezzjonijiet ta' bejn il-fruntieri se jibbenefikaw minn dan l-appoġġ bi prijorità. Il-vantaġġi f'terminu ta' żieda fl-iżvilupp ta' *network* interoperabbli u interkonness se jkunu importanti bħalma n-nuqqas ta' azzjoni kien se jkollu prezz għoli fuq l-ekonomija tal-Komunità iġġenerali.

Għan-*networks* ta' enerġija, l-għajnuna finanzjarja proposta tikkorrispondi għal 1.7% ta' l-ispiża totali ta' l-investimenti fl-Ewropa għall-proġetti prijoritarji idenifikati fl-orjentazzjonijiet TEN-Enerġija. L-appoġġ tat-TEN-Enerġija se jkun ikkonċentrat b'mod partikulari fuq proġetti essenzjali sabiex ikunu milħuqa l-oġġettivi politiċi f'fissati mill-Unjoni. Il-vantaġġi f'terminu ta' żieda fl-iżvilupp ta' *network* interkonness se jkunu importanti bħalma nuqqas ta' azzjoni kien se jkollu prezz għoli fuq l-ekonomija tal-Komunità iġġenerali.

- Liema hi l-aħjar soluzzjoni biex ikunu mwettqa dawn l-oġġettivi? (rakkomandazzjonijiet, appoġġ finanzjarju, għarfien reċiproku, leġiżlazzjoni, eċċ.).

Hija regola li l-appoġġ finanzjarju jkun ibbażat fuq Regolament tal-Parlament u tal-Kunsill.

- Fl-ambitu tal-leġislazzjoni, il-qasam ta' applikazzjoni, it-tul tal-ħin, u l-intensità huma aktar importanti milli neċessarji?

Minħabba l-limitazzjoni ta' l-investimenti pubbliċi u d-diffikultà biex ikunu attirati l-investituri privati, l-ġhajjuna finanzjarja komunitarja għall-infrastrutturi li għandhom vantaġġi fil-livell Ewropew tiġġustifika lilha nfisha u tkompli l-istruttura politika li teżisti kif definit fil-*White Paper* dwar it-trasport u l-linji gwida għat-TEN-T.

F'dak li jikkonċerna n-*networks* ta' l-enerġija, l-appoġġ finanzjarju ta' l-investimenti li jippreżentaw vantaġġi fil-livell Ewropew, se jkun ġustifikat f'ċertu każ, anki fl-ambitu tas-suq ħieles, l-investimenti fl-infrastrutturi għat-trasmissjoni ta' l-enerġija huma, attwalment, magħmula mill-operaturi tan-*networks*, fuq bażi ta' spejjeż integrati fit-tariffi regolati.

II. Evalwazzjoni ta' impatt

Fl-ambitu tar-reviżjoni ta' l-orjentazzjonijiet TEN-Trasport (KUMM(2003) 564) il-Kummissjoni qabdet biex tkun imwettqa analiżi profonda dwar l-impatt tal-proposta li temenda d-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE dwar l-iżvilupp tan-*network* transewropew tat-trasport. Ir-rimarki prinċipali tad-dokument SEC (2003) 1060 huma li ġejjin:

a. Il-programm ta' investiment TEN-T se jstimula l-kompetittività u l-ekonomija fl-Ewropa. Hu se jikkontribwixxi fl-iżvilupp tal-kummerċ internazzjonali, notevolment fil-pajjiżi membri ġodda.

b. Fil-futur qrib, ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni se jstimulaw l-impjieġ, b'mod partikulari fir-reġjuni konċernati.

c. Fil-futur aktar imbiegħed, it-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja li jirriżulta mill-multiplikazzjoni ta' l-okkażjonijiet ta' tilqigh u ta' żvilupp tal-perspettivi kummerċjali bis-saħħa tat-titjib tal-konnessjonijiet u ta' l-aċċessibbiltà huma kkalkulati li jammontaw għal 0.23 % tal-GNP u jirrappreżentaw madwar miljun impjieġ sostenibbli.

Il-bżonnijiet fl-investimenti li kienu kkalkulati fl-ambitu tar-rapport Van Miert jammontaw għal 600 biljun € għall-proġetti kollha ta' interess komuni, li minnhom 225 biljun għall-proġetti prijoritarji (140 biljun għall-proġetti għal perijodu waħdu bejn l-2007-2013).

Għan-*networks* ta' l-enerġija, l-evalwazzjoni ta' impatti tal-proġetti eliġibbli, jiġifieri ta' proġetti ta' interess komuni u b'mod partikulari, il-proġetti prijoritarji, kienet ippreżentata mill-Kummissjoni fl-istess ħin tal-proposta ta' l-10 ta' Diċembru 2003 għall-orjentazzjonijiet ġodda TEN-Enerġija²⁵.

Fl-evalwazzjoni, kien konkluż li t-tħaddim tal-proġetti identifikati fl-orjentazzjonijiet attwali ta' Ġunju 2003 u daww proposti fl-orjentazzjonijiet ġodda se jkollhom impatt posittiv fuq l-ekonomija kollettiva, fuq il-koeżjoni permezz ta' l-integrazzjoni tan-*networks* ta' enerġija ta' l-Istati Membri ġodda, fuq l-ambjent billi tkun iffaċilitata l-integrazzjoni tal-produzzjoni tar-riżorsi ta' enerġija rinnovabbli, fis-suq intern ta' l-enerġija billi jiżdiedu l-kapaċitajiet għall-iskambji kummerċjali, fil-garanzija tal-provvista ta' enerġija billi jiżdiedu l-kapaċitajiet ta'

²⁵ SEC(2003)1369, 10.12.2003

importazzjoni u jkunu diversifikati s-sorsi u l-itinerarji ta' importazzjonijiet, u fl-aħħarnett fil-kooperazzjoni ma' l-istati ġirien.

Huwa ċar li l-appoġġ lin-*networks* TEN-Enerġija ma jippreżentax l-istess vantaġġ għat-tipi kollha ta' infrastrutturi ta' enerġija. B'mod partikolari, l-estenzjoni tan-*networks* se tkun ta' vantaġġ għall-produzzjoni ta' elettriċità fuq skala kbira. Mill-banda l-oħra, l-interkonnessjoni diretta tas-sorsi ta' enerġija flimkien mas-sistemi ta' distribuzzjoni lokali ta' elettriċità (komuni għal ċerti enerġiji rinnovabbli u teknoloġiji konġunti ta' elettriċità – sħana) ma tidħolx fil-mandat ta' appoġġ tat-TEN-Enerġija, skond dawn l-orjentazzjonijiet .

L-appoġġ komunitarju propost se jservi biex jinkoraġġixxi u jaċċellera t-tħaddim ta' dawn il-proġetti ta' infrastruttura ta' enerġija identifikati fl-orjentazzjonijiet TEN-Enerġija, u se jippermetti għalhekk li jkunu mwassla l-vantaġġi mistennija.

Proposta ta'

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jiddetermina r-regoli ġenerali għall-ġħoti ta' għajjnuna finanzjarja tal-Komunità fil-qasam tan-*networks* transewropej ta' trasport u ta' enerġija u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill KE Nru 2236/95

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u notevolment l-Artikolu 156 tiegħu,

wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni²⁶

wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²⁷

wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni²⁸

li jagħtu deċiżjoni b'konformità mal-proċedura prevista mill-Artikolu 251 tat-Trattat²⁹

Billi:

- (1) Il-Kunsill ta' Barċellona tal-15 u s-16 ta' Marzu 2002 enfażizza fil-konklużjonijiet tiegħu li n-*networks* qawwija u integrati fis-setturi ta' l-enerġija u tat-trasporti jikkostitwixxu l-bażi tas-suq intern Ewropew u li użu aħjar tan-*networks* eżistenti u t-twaqqif ta' konnessjonijiet neqsin se jippermettu li jżiedu l-effikaċità u l-kompetittività u li jiggwarantixxu livell adegwat ta' kwalità, kif ukoll it-tnaqqis tal-punti fejn xejn iżjed ma jista' jkun assorbit u, bħala konsegwenza, vijabilità għal żmien twil. Dawn il-bżonnijiet iżommu ma' l-istruttura ta' l-istrateġija adottata mill-Mexxejja ta' l-Istati u tal-gvernijiet fis-*summit* ta' Lisbona u li huma mfakkra konsegwentement b'mod regolari.
- (2) Il-Kunsill Ewropew tat-12 u t-13 ta' Diċembru 2003 approva Azzjoni Ewropea għall-iżvilupp billi stieden lill-Kummissjoni biex tirrորjenta l-ispejjeż, jekk hemm bżonn, lejn investimenti fil-kapital fiżiku notevolment l-investimenti fl-infrastruttura tan-*network* transewropej li l-proġetti prijoritarji tagħhom jippreżentaw l-elementi essenzjali biex tkun rinforzata l-koeżjoni tas-suq intern.
- (3) Id-dewmien reġistrat għas-seħħ ta' konnessjonijiet effiċjenti transewropej, b'mod partikulari s-sezzjonijiet ta' bejn il-fruntieri, jirriskja li jitfa' lura serjament il-

²⁶ ĠU K ta', p.

²⁷ ĠU K ta', p.

²⁸ ĠU K ta', p.

²⁹

kompetittività ta' l-Unjoni u ta' l-Istati u tar-reġjuni periferali li mhux se jkunu jistgħu – jew mhux se jkunu jistgħu aktar – jipprofittaw bi sħiħ mill-effetti vantaġġu ta' suq kbir uniku.

- (4) Fid-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-orjentazzjonijiet fil-qasam ta' l-iżvilupp tan-*network* transewropew ta' trasport³⁰, hawn taħt TEN-T, kif ġiet emendata bid-Deċiżjoni 884/2004/KE, l-ispiża minn issa sa l-2020, biex ikun lest in-*network* transewropew ta' trasport kienet ikkalkulata li tleħhaq 600 biljun Ewro. L-investimenti neċessarji għall-proġetti prijoritarji wehdedhom skond l-Anness II għad-Deċiżjoni jirrappreżentaw viċin il-140 biljun Ewro għall-perijodu 2007-2003.
- (5) Biex ikunu milħuqa dawn l-oġġettivi, kemm il-Kunsill kif ukoll il-Parlament enfasizzaw in-neċessità li jkun irrinforzati u adattati l-istrumenti finanzjarji permezz taż-żieda fil-livell ta' ko-finanzjament komunitarju, billi tkun prevista l-possibbiltà ta' l-applikazzjoni ta' rata ta' ko-finanzjament komunitarju aktar għolja notevolment għall-proġetti li jiddistingwu ruħhom permezz tal-karattru ta' bejn il-fruntieri tagħhom, il-funzjoni ta' ġarr, jew minħabba li jridu jaqsmu ostakoli naturali.
- (6) Id-Deċiżjoni 1229/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 tistabbilixxi ġabra ta' orjentazzjonijiet relattivi man-*network* transewropew fis-settur ta' l-enerġija u tabroga d-Deċiżjoni 1254/93/KE³¹, tidentifika l-oġġettivi, il-prijoritajiet ta' azzjoni u l-proġetti ta' interess komuni biex ikun komplut u żviluppat in-*network*, li jinkludi l-proġetti prijoritarji. L-investimenti neċessarji, li jippermettu lill-Istati Membri kollha li jipparteċipaw bi sħiħ fis-suq intern u biex jitkomplew l-interkonnessjonijiet ma' pajjiżi ġirien, jammontaw għal 28 biljun € minn issa sa l-2013, għall-proġetti prijoritarji waħidhom. Din l-aħħar ċifra tinkludi madwar 8 biljun € ta' investimenti li jridu jseħħu f'pajjiżi terzi.
- (7) Il-Kunsill Ewropew tat-12-13 ta' Diċembru 2003 stieden barra minn hekk lill-Kummissjoni biex tkompli tistudja n-neċessità li jinħoloq strument ta' garanzija komunitarja speċifika destinata biex tkopri ċerti riskji posterjuri għall-konstruzzjoni fl-ambitu tal-proġetti tan-*networks* transewropej ta' trasport. F'dak li jikkonċerna l-enerġija, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni, biex tirrորjenta, jekk ikun hemm bżonn, l-ispejjeż ta' l-investimenti fil-kapital fiżiku sabiex tistimula l-iżvilupp.
- (8) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2236/95 tat-18 ta' Settembru 1995 jiddetermina r-regoli ta' l-għoti ta' għajnuna finanzjarja komunitarja fil-qasam tan-*networks* transewropej³², hekk kif inhu emendat bir-Regolament KE Nru 1655/99 u bir-Regolament KE Nru 807/2004 jirrappreżenta diġà progress reali, għaliex hu jawtorizza għall-proġetti dikjarati prijoritarji rata ta' finanzjament aktar għolja, li tammonta għal 20%³³. Hu jibqa' għaldaqstant dipendenti fuq ir-regoli tat-tħaddim li jimmeritaw simplifikazzjoni u somma ta' flus fil-baġit li r-riżorsi tiegħu huma limitati. Jidher

³⁰ ĠU L 228 tad-9/9/96 p.1 Id-Deċiżjoni emendata finalment mid-Deċiżjoni Nru 884/2004/KE (ĠU L 167 tat-30/04/2004, p.1)

³¹ ĠU L 176 tat-12/07/2003 p.11

³² ĠU L 228 tat-23.9.1995, p. 1. Regolament emendat finalment mir-Regolament (KE) Nru 807/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 143 tat-30.4.2004, p. 46).

³³ Il-proġetti prijoritarji kollha fil-qasam ta' l-enerġija jibbenefikaw minn din ir-rata, filwaqt li fil-qasam tat-trasport, huma kkonċernati biss is-sezzjonijiet ta' bejn il-fruntieri fejn jinqasmu ostakoli naturali.

għalhekk neċessarju, bħala komplement tal-finanzjamenti nazzjonali pubbliċi u privati, li tiżdied l-għajnuna komunitarja f'termini kemm taċ-ċifra u tar-rata ta' intervent bl-iskop li jkun rinforzat l-effett ta' lieva tal-fondi komunitarji li jippermettu għalhekk li jitwettqu l-proġetti prijoritarji mwaqqfin.

- (9) Fid-dawl ta' l-iżviluppi ta' kull wieħed mill-komponenti tan-*networks* transewropej - trasport, enerġija u telekomunikazzjonijiet - u tal-karatteristiċi intrinsemi tagħhom, u bl-istess għan ta' mmaniġġjar aktar effikaċi ta' kull programm, wieħed għandu jipprevedi bosta Regolamenti distinti għall-oqsma koperti s'issa mir-Regolament (KE) Nru 2236/95 tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 1995.
- (10) Permezz ta' dan ir-Regolament, hemm bżonn li jitwaqqaf programm li jiddetermina r-regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja komunitarja fil-qasam tan-*networks* transewropej ta' trasport u ta' enerġija. Dan il-programm li għandu jirrispetta l-*acquis communautaire*, notevolment fil-qasam ta' l-ambjent – għandu jgħin fit-tisħiħ tas-suq intern u jkollu effett li jstimula l-kompetittività u l-iżvilupp tal-Komunità.
- (11) Minħabba li l-oġettivi tat-tħaddim tan-*networks* transewropej ta' trasport u ta' l-enerġija ma jistgħux ikunu mwettqa b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri meta tkun kunsidrata, notevolment, in-neċessità ta' koordinazzjoni ta' l-azzjonijiet nazzjonali u minħabba dan il-fatt jistgħu jkunu mwettqa aħjar fil-livell komunitarju, il-Komunità tista' tieħu miżuri b'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. B'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità hekk kif inhu miksub fl-Artikolu msemmi, dan ir-Regolament ma jeċċedix dak li hu neċessarju biex jintleħqu l-oġettivi.
- (12) Il-programm għandu jkun karatterizzat minn għajnuna finanzjarja komunitarja ffokata fuq il-proġetti u l-partijiet tal-proġetti li jippreżentaw l-akbar valur miżjud qawwi Ewropew u għandu jipprova jinkoraġġixxi lill-parteċipanti biex jaċċelleraw it-tħaddim tal-proġetti prijoritarji tad-Deċiżjonijiet 1692/96/KE u 1229/2003/KE. Dan il-programm għandu jippermetti li jkunu finanzjati ukoll il-proġetti l-oħra ta' infrastruttura Ewropea ta' interess komuni definiti fl-imsejħa deċiżjonijiet.
- (13) L-għajnuna finanzjarja komunitarja hi mogħtija bl-iskop li jkunu żviluppati proġetti ta' investiment fin-*networks* transewropej ta' trasport u enerġija, biex ikun provdut impenn finanzjarju sod, biex ikunu mmobilizzati l-investimenti istituzzjonali u biex tkun inkoraġġuta l-formazzjoni ta' sħubija ta' finanzjament fis-setturi pubbliċi u privati. Fis-settur ta' l-enerġija, l-għajnuna finanzjarja għandha prinċipalment tgħin biex ikunu mirbuħa l-ostakoli finanzjarji li jistgħu jimponu lilhom infushom waqt il-preparazzjoni tal-proġetti u waqt l-iżvilupp preliminari tal-kostruzzjoni u għandha tkun konċentrata fuq is-sezzjonijiet ta' bejn il-fruntieri tal-proġetti prijoritarji u fuq l-interkonnessjonijiet mal-pajjiżi ġirien.
- (14) L-għajnuna finanzjarja komunitarja għandha tkun tista' tieħu bosta forom ta' intervenzjoni, prinċipalment sovvenzjoni diretta, bonus ta' interess, strumenti ta' garanzija ta' self, parteċipazzjoni fil-fondi ta' kapital ta' riskju u għandha tkun ukoll kapaċi tkopri r-riskji speċifiċi posterjuri għall-fażi ta' kostruzzjoni.
- (15) Għat-tħaddim ta' l-appoġġ finanzjarju komunitarju għall-proġetti fuq skala kbira li jitqassmu fuq bosta snin, hu meħtieġ li jkun possibbli impenn tal-Komunità fuq bażi mifruxa fuq numru ta' snin. Fil-fatt, impenn finanzjarju sod, attraenti u li jinvolvi l-

Komunità għal tul ta' żmien biss jista' jippermetti li jitnaqqsu l-inċertezzi marbuta mat-twettiq ta' dawn il-proġetti u biex ikunu mmobilizzati l-investituri kemm pubbliċi kif ukoll privati.

- (16) Attenzjoni partikulari għandha tkun mogħtija lill-koordinazzjoni effikaċi ta' ġabra ta' azzjonijiet komunitarji li għandhom impatt fuq in-*networks* transewropej, notevolment il-finanzjamenti li joriġinaw mill-fondi strutturali u mill-Fond ta' koeżjoni kif ukoll l-interventi tal-Bank Ewropew ta' l-Investment.
- (17) Dan id-dokument jistabbilixxi, għat-tul kollu tal-programm, baġit finanzjarju li jikkostitwixxi għall-awtorità tal-baġit ir-referenza privileġġata skond punt 33 ta' l-akkordju interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, dwar id-dixxiplina fil-baġit u t-titjib tal-proċedura³⁴.
- (18) Meta tkun ikkunsidrata l-esperjenza akkwistata fl-applikazzjoni tar-Regolament Nru 2236/95 u tan-natura tal-kompetenzi mogħtija lill-Kummissjoni minn dan ir-Regolament, hemm bżonn li jkun deċiżi l-miżuri neċessarji biex ikun imħaddem dan ir-Regolament b'konformità mad-Deċiżjoni Nru 1999/468/KE tal-Kunsill ta' 28 ta' Ġunju 1999 li tiffissa l-klawsoli tat-tħaddim tal-kompetenzi ta' eżekuzzjoni mogħtija lill-Kummissjoni³⁵.
- (19) Meta jkun ikkunsidrat l-adottament, permezz ta' dan ir-Regolament, tad-dispożizzjonijiet speċifiċi fil-qasam tat-trasport u ta' l-enerġija u permezz tar-Regolament (KE) Nru tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁶, ta' dispożizzjonijiet li jikkonċernaw is-sistemi ta' ppożizzjonar u ta' navigazzjoni bis-satellita, hemm bżonn li jkun emendat ir-Regolament (KE) Nru 2236/95 sabiex ikun limitat il-qasam ta' applikazzjoni għal qasam waħdu tat-telekomunikazzjoni.

³⁴ ĠU L

³⁵ ĠU L 184 tat-17.7.1999, p. 23.

³⁶ Ara l-paġna tal-Ġurnal Uffiċjali li għandu x'jaqşam mar-Regolament li jikkonċerna s-sistema tal-ippożizzjonar tan-navigazzjoni bis-satellita (GALILEO).

IDDEĊIDEW DAN IR-REGOLAMENT:

Kapitolu I

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jiddefinixxi l-kondizzjonijiet, il-klawsoli u l-proċeduri tat-tħaddim ta' l-ghajjnuna komunitarja favur il-proġetti ta' interess komuni fil-qasam tan-*networks* transewropej ta' trasport u enerġija, bl-istess mod ta' l-Artikolu 155(1) tat-Trattat.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, wieħed jifhem bi:

- 1) “proġett ta' interess komuni” : proġett jew parti ta' proġett identifikata bħala ta' interess komuni għall-Komunità fil-qasam tat-trasport, fl-ambitu tad-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE u fil-qasam ta' l-enerġija fl-ambitu tad-Deċiżjoni Nru 1229/2003/KE; .
- 2) “proġett prijoritarju” : proġett ta' interess komuni kkunsidrat bħala prijorità għall-Komunità fil-qasam tat-trasport fl-ambitu ta' l-Anness III għad-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE u fil-qasam ta' l-enerġija fl-ambitu tad-Deċiżjoni Nru 1229/2003/KE;
- 3) “parti ta' proġett” : kull attività indipendenti, finanzjarjament, teknikament jew fil-passat, li tkun ta' għajjnuna għat-twettiq tal-proġett;
- 4) “benefiċjarju”: organizzazzjoni pubblika jew privata li għandha r-responsabbiltà li tikkontrolla x-xogħol tal-proġett u li tipproponi lilha nfisha biex tinvesti l-fondi tagħha jew fondi providuti minn oħrajn bl-iskop li jitħaddem il-proġett;
- 5) “studji” : l-istudji neċessarji għad-definizzjoni tal-proġett, fosthom studji preparatorji, ta' probabbiltà u ta' evalwazzjoni u ta' kull miżura oħra ta' appoġġ tekniku li tinkludi l-azzjonijiet li jsiru qabel ix-xogħlijiet, neċessarji għad-definizzjoni kompleta tal-proġett u t-teħid tad-deċiżjoni tal-finanzjament tiegħu bħalma huma l-azzjonijiet ta' għarfien dwar il-lokalitajiet konċernati u l-preparazzjoni ta' l-arranġamenti finanzjarji.

- 6) “xogħlijiet”: ix-xiri u l-forniment tal-komponenti, tas-sistemi u tas-servizzi u tat-twettiq tax-xogħlijiet ta’ kostruzzjoni u ta’ installazzjoni li għandhom x’jaqsmu mal-proġett, fosthom ir-riċezzjoni ta’ l-installazzjonijiet u ta’ tħaddim tas-servizz tal-proġett;
- 7) “riskji posterjuri għall-fażi ta’ kostruzzjoni”: ir-riskji li jintervjenu fl-ewwel snin li jsegwu t-tmiem tal-kostruzzjoni minħabba fatturi speċifiċi u li jgħibu tnaqqis fid-dħul ta’ flus ta’ utilizzazzjoni bi tqabbil mal-previżjonijiet.
- 8) “spiża tal-proġett”: -ispiża totali ta’ l-istudji u tax-xogħlijiet direttament marbuta u neċessarji għat-twettiq tal-proġett u li verament appoġġati mill-benefiċjarju;
- 9) “spiża eliġibbli”: il-parti ta’ l-ispiża tal-proġett ikkunsidrata mill-Kummissjoni għall-kalkolu ta’ l-għajjuna finanzjarja komunitarja.

Kapitolu II

Proġetti eleġibbli, forom ta’ intervenzjoni u Pluralità tal-finanzjamenti

Artikolu 3

Eliġibbiltà tal-proġetti

1. Il-proġetti biss ta’ interess komuni, identifikati fl-istruttura tad-Deċiżjonijiet Nru 1692/96/KE u Nru 1229/2003/KE, jistgħu jibbenefikaw minn għajjuna finanzjarja komunitarja permezz ta’ dan ir-Regolament.
2. L-eleġibbiltà hija kondizzjonata skond ir-regoli komunitarji, b’mod partikulari fil-qasam tal-kompetittività, tal-protezzjoni ta’ l-ambjent, ta’ l-istipulazzjoni tas-swieq pubbliċi, kif ukoll it-tħaddim effettiv tal-dispożizzjonijiet komunitarji fil-qasam ta’ l-interoperabilità tan-networks, notevolment ferrovjarji.
3. Fil-qasam tat-trasport uniku, l-eleġibbiltà hi wkoll kondizzjonata bl-impenn ta’ kull Stat Membru konċernat li jikkontribwixxi finanzjarjament fil-proġett ta’ l-applikant għall-għajjuna finanzjarja komunitarja, billi jkunu miġbura, jekk ikun hemm bżonn, fondi privati.

Artikolu 4

Preżentazzjoni ta’ domandi ta’ għajjuna

Id-domandi ta’ għajjuna finanzjarja komunitarja huma preżentati lill-Kummissjoni mill-Istati Membri konċernati. Fil-qasam ta’ l-enerġija, huma jistgħu wkoll ikunu preżentati bl-akkordju ta’ dan jew ta’ dawn ta’ l-aħħar, mill-intrapriżi jew l-organiżmi pubbliċi direttament konċernati.

Artikolu 5

Selezzjoni tal-proġetti

1. Il-proġetti ta' interess komuni jibbenefikaw minn għajnuna finanzjarja komunitarja skond il-livell ta' kontribuzzjoni għall-oġettivi u għall-prijoritajiet definiti fl-ambitu tad-Deċiżjonijiet Nru 1692/96/KE u Nru 1229/2003/KE.

2 Fil-qasam tat-trasport, attenzjoni partikulari hi mogħtija lill-proġetti u l-programmi li ġejjin:

a) proġetti preżentati b'mod konġunt minn ta' l-inqas żewġ Stati Membri, notevolment fil-każ tal-proġetti ta' bejn il-fruntieri;

b) proġetti li jikkontribwixxu għall-kontinwità tan-*network* u għat-titjib tal-kapaċità tiegħu;

c) proġetti prijoritarji li jikkontribwixxu għall-integrazzjoni tas-suq intern fil-Komunità mkabbra u għall-bilanċ mill-ġdid tal-metodi ta' trasport li jipprivileġġaw dawk li l-aktar jirrispettaw l-ambjent, notevolment it-trasport tal-ġarr ta' merkanzija li jinvolvi distanza fit-tul; b'dan l-iskop, kull domanda ta' finanzjament ta' linja ferrovjarja ta' veloċità kbira għandha tkun akkumpanjata minn analiżi dettaljat tal-kapaċitajiet liberati fin-*network* konvenzjonali favur il-ġarr ta' merkanzija minħabba t-trasferiment ta' traffiku fuq il-linji li jivvjaġġaw b'veloċità kbira.

d) proġetti li jikkontribwixxu għat-titjib tal-kwalità ta' servizz offrut min-*network* transewropew u li jiffavorixxu, fost oħrajn, permezz ta' intervenzjonijiet fuq l-infrastrutturi, is-sigurtà u s-sigurezza tal-klijenti u jassiguraw l-interoperabilità bejn in-*networks* nazzjonali;

e) programmi ta' skjament tas-sistemi ta' mmaniġġjar tat-traffiku ferrovjarju u fil-komponenti tiegħu kollha, kif ukoll tas-sistemi ta' mmaniġġjar tat-traffiku bl-ajru u marittimu li jggarantixxu l-interoperabilità.

3. Fil-qasam ta' l-enerġija attenzjoni partikulari se tkun mogħtija lill-proġetti li jikkontribwixxu għall-:

a) kontinwità tan-*network* u għat-titjib tal-kapaċità tiegħu,

b) integrazzjoni tas-suq intern ta' l-enerġija, u notevolment tas-sezzjonijiet ta' bejn il-fruntieri,

c) garanzija ta' provvista ta' enerġija, u notevolment ta' interkonnessjonijiet ma' pajjiżi oħra,

d) konnessjoni tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u/jew

e) sigurezza, kredibilità u interoperabilità tan-*networks* interkonnessi.

Artikolu 6

Forom ta' għajnuna

L-għajnuna finanzjarja komunitarja tkopri l-istudji u x-xogħlijiet kif ukoll ir-riskji posterjuri għall-fażi ta' kostruzzjoni.

Artikolu 7

Klawsoli ta' intervenzjoni

1. L-għajnuna finanzjarja komunitarja għall-istudji u għax-xogħlijiet li jikkonċernaw il-proġetti indikati fl-Artikolu 3(1) tista' tiegħu waħda jew bosta mill-forom ta' intervenzjoni li ġejjin:

- a) sussidji
- b) bonusijiet ta' interess fuq is-self mogħti mill-Bank Ewropew ta' l-Investiment (EIB) u organizzazzjonijiet finanzjarji oħra pubbliċi u privati;
- c) garanziji ta' self, biex ikunu koperti r-riskji posterjuri għall-fażi ta' kostruzzjoni;
- d) parteċipazzjoni għall-fondi ta' kapital ta' riskju;
- e) f'każ ta' bżonn, għadd ta' għajnuniet komunitarji indikati f'punti a) d), bl-għan li jinkiseb effett massimu ta' stimolazzjoni mir-riżorsi mobbilizzati tal-baġit.

2. L-għajnuna finanzjarja komunitarja ma teċċediex ir-rati li ġejjin:

a) f'dak li jikkonċerna l-istudji 50% ta' l-ispiża totali eleġibbli ta' l-istudji, hu x'inhu l-proġett ta' interess komuni konċernat;

b) f'dak li jikkonċerna x-xogħlijiet:

i) għall-proġetti prijoritarji fil-qasam tat-trasporti massimu ta' 30% ta' l-ispiża eleġibbli tax-xogħlijiet; f'każ eċċezzjonali, is-sezzjonijiet ta' bejn il-fruntieri ta' dawn il-proġetti jibbenefikaw minn rata ta' għajnuna ta' 50% tal-massimu ta' l-ispiża totali eleġibbli tax-xogħlijiet, bil-kondizzjoni li jkunu mibdija qabel l-2010 u li l-Istati Membri konċernati jkunu preżentaw lill-Kumissjoni pjan li jagħti l-garanziji kollha neċessarji fuq il-pjan ta' l-appoġġ finanzjarju ta' l-Istati Membri u fuq l-iskeda tat-tħaddim tal-proġett, din ir-rata hija aġġustata skond il-benefiċċji akkwistati mill-Istati l-oħra;

ii) għall-proġetti prijoritarji fil-qasam ta' l-enerġija, massimu ta' 20% ta' l-ispiża totali eleġibbli tax-xogħlijiet;

iii) għall-proġetti l-oħra fil-qasam tat-trasporti massimu ta' 15 % ta' l-ispiża totali eleġibbli tax-xogħlijiet; f'każ eċċezzjonali, għall-proġetti li jagħmlu parti mill-iskjament tas-sistemi ta' interoperabilità, ta' sigurtà u ta' sigurezza, din ir-rata tista' tilħaq massimu ta'

50% ta' l-ispiża eleġibbli totali tax-xogħlijiet b'aġġustament skond il-benefiċċji akkwistati mill-Istati Membri l-oħra;

iv) għall-proġetti l-oħra fil-qasam ta' l-enerġija, massimu ta' 10% ta' l-ispiża eleġibbli totali.

3. Il-Kummissjoni tiddeċiedi b'konformità mal-proċedura indikata fl-Artikolu 17(2), il-klawsoli, l-iskeda u ċ-ċifri ta' ħlas għall-istrumenti indikati fil-paragrafu 1 punt b), c) u d) ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 8

Pluralità ta' għajjnuna finanzjarja komunitarja

1. L-għajjnuniet finanzjarji relattivi ma' l-istudji, u dawk relattivi max-xogħlijiet huma simultanji.

2. L-intervenzjonijiet tal-EIB huma kompatibbli ma' l-għoti ta' għajjnuna finanzjarja skond dan ir-Regolament.

3. L-għajjnuna finanzjarja komunitarja hija eskluża mill-partijiet tal-proġetti li jibbenefikaw minn sorsi oħra ta' finanzjament li jaqgħu taħt l-ispejjeż tal-baġit komunitarju.

Artikolu 9

Kompatibilità u koordinazzjoni mal-politiki komunitarji

1. Il-proġetti ta' interess komuni finanzjati bl-awtorità ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat, ma' l-Atti adottati minħabba fihom u mal-politiki komunitarji, fosthom dawk li jikkonċernaw il-protezzjoni ta' l-ambjent, l-interoperabilità, il-kompetittività u t-trasmissjoni tas-swieq pubbliċi.

2. Il-Kummissjoni tara li l-koordinazzjoni u l-koerenza tal-proġetti aċċettati li jsiru fl-ambitu ta' dan ir-Regolament bl-azzjonijiet aċċettati bis-saħħa tal-kontribuzzjonijiet tal-baġit komunitarju, ta' l-intervenzjoniet ta' l-EIB u ta' l-istrumenti finanzjarji l-oħra tal-Komunità.

Kapitolu III

Tħaddim, Programmazzjoni, Kontroll

Artikolu 10 Tħaddim

Il-Kummissjoni hija responsabbli għat-tħaddim ta' dan ir-Regolament. Hi tippreċiża l-klawsoli u l-kondizzjonijiet ta' eżekuzzjoni tal-proġetti ta' interess komuni fid-deċizzjonijiet ta' l-għoti ta' għajjnuna finanzjarja.

Artikolu 11

Programmazzjoni fuq numru ta' snin u programm annwali

1. Il-Kummissjoni tistabbilixxi b'konformità mal-proċedura ffissata fl-Artikolu 17(2), programmazzjoni fuq bosta snin u programm annwali.
2. Il-programmazzjoni fuq numru ta' snin tkopri proġetti prijoritarji u tistabbilixxi l-kriterji ta' għoti ta' għajjnuna u l-baġit finanzjarju tal-perijodu kollu 2007-2013. Iċ-ċifra għandha tkun bejn 65 u 85 % tar-riżorsi tal-baġit indikati fl-Artikolu 20.
3. Il-programm annwali se jiddefinixxi l-kriterji għall-għoti ta' għajjnuna finanzjarja għall-proġetti ta' interess komuni li mhumiex inklużi fil-programmazzjoni mifruxa fuq numru ta' snin. Kull sena, ir-riżorsi li mhumiex utilizzati fl-ambitu tal-programmazzjoni TEN-T pjanata għal numru ta' snin huma assenjati lill-finanzjament tal-proġetti ta' interess komuni li jagħmlu parti mill-programm annwali.

Artikolu 12

Għoti ta' għajjnuna

1. Kull proġett ta' interess komuni, selezzjonat bħala programmazzjoni fuq numru ta' snin, hu s-suġġett ta' deċiżjoni ta' għoti ta' għajjnuna unika tal-Kummissjoni, deċiża b'konformità ma' l-Artikolu 17(2). L-impenn tal-baġit ta' kull parti annwali hija mwettqa mill-Kummissjoni fuq il-bażi tad-deċiżjoni, ta' għoti, fejn tkun ikkunsidrata l-evalwazzjoni ta' l-istat ta' progress tal-proġetti, tal-bżonnijiet proviżorji u tad-disponibilità tal-baġits.
2. Kull proġett ta' interess komuni, barra dawk indikati fil-paragrafi 1 huma s-suġġett ta' deċiżjoni ta' għoti u ta' impenn tal-baġit tal-Kummissjoni.
3. Il-Kummissjoni tinnotifika lill-Istati Membri konċernati bid-deċiżjoni ta' għoti kif ukoll bil-klawsoli ta' l-għajjnuna finanzjarja konċernata u dwarhom tinforma lill-benefiċjarji.

Artikolu 13

Dispożizzjonijiet finanzjarji

1. L-għajjnuna komunitarja ma tistax tkopri ħlief l-ispejjeż li jikkonċernaw il-proġett u li huma appoġġati mill-benefiċjarji jew minn oħrajn inkarigati b'eżekuzzjoni tiegħu.
2. L-ispejjeż magħmula qabel id-data li fiha l-Kummissjoni tkun irċievit id-domanda ta' għajjnuna li tikkonċernahom mhumiex eleġibbli
3. Id-deċiżjonijiet ta' għoti ta' għajjnuna finanzjarja meħuda mill-Kummissjoni bis-saħħa ta' l-Artikolu 12 jakkwistaw l-impenn ta' l-ispejjeż awtorizzati mill-baġit
4. Bħala regola ġenerali, il-pagamenti huma magħmula taħt forma ta' self antiċipat,

b'pagamenti intermedjarji u b'pagament finali. Is-self antiċipat, li ma jistax normalment jaqbeż il-50% ta' l-ewwel parti annwali, huwa mħallas meta d-domanda ta' għajnuna tkun ġiet approvata Il-pagamenti intermedjarji huma magħmula fuq il-bażi tad-domandi ta' ħlas u billi jkun ikkunsidrat l-istat ta' progress tal-proġett jew ta' l-istudju kif ukoll, jekk neċessarju, ikunu kkunsidrati, b'mod rigoruż u trasparenti, il-pjanijiet finanzjarji previsti.

5. Il-klawsoli ta' ħlas jikkunsidraw il-fatt li t-tħaddim tal-proġetti ta' infrastruttura jitqassam fuq bosta snin u li hu importanti bħala konsegwenza li jkun previst tqassim simili tal-finanzjament.

6. Il-Kummissjoni tagħmel il-ħlas finali wara l-aċċettazzjoni tar-rapport finali relattiv mal-proġett jew ma' l-istudju, preżentat mill-benefiċjarju u ċertifikat mill-Istat Membru, li juri l-ispejjeż kollha li jkunu effettivament saru.

Artikolu 14

Responsabbiltajiet ta' l-Istati Membri

1. L-Istati Membri jagħmlu minn kollox biex jese gwixxu, fil-qasam tar-responsabbiltà tagħhom, il-proġetti ta' interess komuni li jibbenefikaw minn għajnuna finanzjarja komunitarja mogħtija fl-ambitu ta' dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri jagħmlu kontroll tekniku u kontroll finanzjarju tal-proġetti b'kollaborazzjoni mill-viċin mal-Kummissjoni u jiċċertifikaw ir-realtà u l-konformità ta' l-ispejjeż magħmula f'isem il-proġett jew tal-parti tal-proġett. L-Istat Membru jista' jitlob il-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni waqt il-kontrolli fuq il-post.

3. L-Istati Membri, jinformat lill-Kummissjoni bil-miżuri meħuda skond paragrafu 2 u jagħtuha notevolment deskrizzjoni tas-sistemi ta' kontroll, ta' l-immaniġġjar u tal-kontroll stabbiliti biex jassiguraw li l-proġetti qed ikunu mressqin lejn tmiem tajjeb.

Artikolu 15

Annulament, riduzzjoni, sospensjoni u soppressjoni ta' l-għajnuna

1. Ħlief f'każijiet li jkunu ġustifikati b'mod korrett quddiem il-Kummissjoni, l-għajnuniet finanzjarji komunitarji mogħtija għall-proġetti ta' interess komuni li ma jkunux bdew fis-sentejn ta' wara d-data prevista għall-bidu tagħhom, indikata fid-deċiżjoni ta' għoti ta' l-għajnuniet, ikunu annullati mill-Kummissjoni.

2. Jekk, għat-twettiq ta' proġett, parti jew it-totalità ta' l-għajnuna li lili kienet allokata ma tkunx tinħass li qed tiġġustifika ruħha, il-Kummissjoni tipproċedi billi tagħmel eżami adatt ta' l-inkartament u, notevolment, tistaqsi lill-Istat Membru, u/jew lill-benefiċjarju, biex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom f'dewmien ta' żmien stipulat.

3. Wara l-eżaminazzjoni indikata fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni tista' tnaqqas, tissospendi jew tneħħi l-għajnuna għall-operazzjoni involuta jekk l-eżaminazzjoni turi li irregolarità kienet imwettqa jew li waħda mill-kondizzjonijiet li bihom kienet akkumpanjata

d-deċiżjoni ta' l-għoti ta' għajnuna ma kinitx rispettata, notevolment jekk tkun saret, mingħajr ma kienet mitluba l-approvazzjoni tal-Kummissjoni, emenda importanti li teffettwa n-natura jew il-klawsoli ta' l-eżekuzzjoni tal-proġett.

4. Kull inkompatibilità mhux awtorizzata tagħti lok għall-irkupru tas-somom ta' flus mħallsa b'mod inkorrett.

5. Jekk, għaxar snin wara l-għoti ta' għajnuna finanzjarja komunitarja lill-proġett, dan il-proġett ma jkunx twassal fit-tmiem tiegħu, il-Kummissjoni tista' titlob, fl-ambitu tal-prinċipju ta' proporzjonalità, ir-rimborż ta' l-għajnuna mħallsa, filwaqt li jkunu kunsidrati l-fatturi kollha rilevanti.

6. Kull somma flus li tikkważa ripetizzjoni tad-dejn għandha tkun imħallsa lill-Kummissjoni.

Artikolu 16

Protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji komunitarji

1. L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jipproċedi biex isiru kontrolli u verifiki fil-post ta' l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 ³⁷.

2. Għall-azzjonijiet komunitarji finanzjati minn dan ir-Regolament, in-nozzjoni ta' irregolarità indikata fl-Artikolu 1(2), tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 ³⁸ tikkunsidra kull ksur ta' dispożizzjoni tad-dritt komunitarju jew kull nuqqas ta' għarfien ta' obbligu kuntrattwali li jirriżulta minn att jew minn ommissjoni minn entità ġuridika li għandha jew se jkollha bħala effett li toħloq preġudizzju lill-baġit ġenerali tal-Komunitajiet jew lill-baġits immaniġġjati minnhom bħala spiża li mhix awtorizzata.

3. Id-deċiżjonijiet meħudin skond dan ir-Regolament jipprevedu notevolment *follow-up* u kontroll finanzjarju mill-Kummissjoni – jew minn kull rappreżentant awtorizzat minnha – u mill-awdituri ta' l-Uffiċċju ta' l-Awdituri, f'każ ta' bżonn fil-post.

4. L-Istat Membru konċernat u l-Kummissjoni jgħaddu immedjatament lil xulxin l-informazzjonijiet kollha adatti li jikkonċernaw ir-riżultati tal-kontrolli li jkunu saru.

³⁷ ĠU L 292 tat-15.11.1996, p. 2

³⁸ ĠU L 312 tat-23.12.1995, p. 1

Kapitolu IV

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 17

Kumitat

1. Il-Kummissjoni hi assistita minn kumitat.
2. Fil-każ fejn hemm referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE japplikaw, billi jkunu osservati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.
3. Il-Kumitat jadotta r-Regolament intern.
4. L-EIB jagħżel rappreżentant fil-Kumitat li ma jhux sehem fil-votazzjoni.

Artikolu 18

Evalwazzjoni

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri, assistiti mill-benefiċjarji, jistgħu jipproċedu fl-evalwazzjoni tal-klawsoli ta' twettiq tal-proġetti ta' interess komuni u fil-programmi kif ukoll dwar l-impatt tat-tħaddim tagħhom, sabiex ikun apprezzat jekk l-oġettivi previsti, li jinkludu l-qasam ta' protezzjoni ta' l-ambjent, ikunux intleħqu. Il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru benefiċjarju biex jippreżenta evalwazzjoni speċifika tal-proġetti ta' interess komuni, finanzjati fl-ambitu ta' dan ir-Regolament jew, f'każ ta' bżonn, li jagħtiha l-informazzjonijiet u l-assistenza neċessarja biex tipproċedi fl-evalwazzjoni ta' dawn il-proġetti.

Artikolu 19

Informazzjoni u pubbliċità

1. Il-Kummissjoni tippreżenta kull tliet snin lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni rapport dwar l-attivitajiet imwettqa fl-ambitu ta' dan ir-Regolament. Dan ir-rapport għandu evalwazzjoni tar-riżultati milħuqa permezz ta' l-intervenzjoni komunitarja f'oqsma differenti ta' applikazzjoni, jikkonċerna l-oġettivi inizjali, kif ukoll kapitolu dwar is-sustanza u tħaddim tal-programmazzjoni fuq numru ta' snin li tkun għaddejja.
2. L-Istati Membri konċernati u f'każ ta' bżonn, il-benefiċjarji jaraw li pubbliċità adegwata tkun dedikata lill-għajjnuna mogħtija bl-awtorità ta' dan ir-Regolament sabiex ikun mgħarraf lill-opinjoni pubblika r-rwol li għandha l-Komunità fit-twettiq tal-proġetti ta' interess komuni.

Artikolu 20

Riżorsi tal-baġit

1 Iċ-ċifra finanzjarja ta' referenza għat-tħaddim ta' dan ir-Regolament għall-perijodu 2007-2013 hi ta' 20.690 miljun Euro, li minnhom 20.350 miljuni għat-trasporti u 340 miljun għall-enerġija.

2 Il-krediti annwali huma awtorizzati mill-awtorità tal-baġit fil-limitu tal-perspettivi finanzjarji.

Artikolu 21

Klawsola ta' reviżjoni

Qabel l-aħħar tas-sena 2010, il-Kummissjoni ssottomettiet lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport ġenerali dwar l-esperjenza akkwistata bil-mekkaniżmi previsti minn dan ir-Regolament għall-ġhoti ta' għajjnuna finanzjarja komunitarja.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jiddeċiedu skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 156(1), tat-Trattat, jiddeċiedu jekk u f'liema kondizzjonijiet l-azzjonijiet previsti f'dan ir-Regolament se jkunu miżmuma jew emendati lil hinn mill-perijodu indikat fl-Artikolu 20(1)1.

Artikolu 22

Emenda tar-Regolament (KE) Nru 2236/95

Ir-Regolament (KE) Nru 2236/95, hu emendat kif ġej:

1) It-titolu jkun sostitwit bit-titolu li ġej:

"Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2236/95 tat-18 ta' Settembru 1995 li jiddetermina r-regoli ġenerali għall-ġhoti ta' għajjnuna finanzjarja komunitarja fil-qasam tan-*networks* transewropej ta' telekomunikazzjonijiet"

2) L-Artikolu 1 hu sostitwit mit-test li ġej:

"L-Artikolu 1: Definizzjoni u qasam ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jiddefinixxi l-kondizzjonijiet, il-klawsoli u l-proċeduri tat-tħaddim ta' l-għajjnuna komunitarja favur il-proġetti ta' interess komuni fil-qasam tan-*networks* transewropej ta' telekomunikazzjonijiet, skond l-Artikolu 155(1) tat-Trattat.

3) Fl-Artikolu 4, it-3 paragrafu hu mneħħi:

4) Fl-Artikolu 5(3) hu sostitwit mit-test li ġej:

« 3. Indipendentement mill-forma ta' intervenzjoni magħżula, iċ-ċifra totali ta' għajjnuna komunitarja mogħtija skond dan ir-Regolament ma tistax taqbeż X% ta' l-ispiża totali ta' l-investimenti."

5) L-Artikolu 5b hu mneħħi

6) F'Artikolu 9(1) fil-punt (a), ir-raba' *hyphen* hu mneħħi

7) L-Artikolu 10 hu sostitut bit-test li ġej:

"Artikolu 10

Għoti ta' għajjnuna finanzjarja

B'konformità ma' l-Artikolu 274 tat-Trattat, il-Kummissjoni tiddeċiedi l-għoti ta' għajjnuna finanzjarja bl-awtorità ta' dan ir-Regolament li għandu l-funzjoni li jiddetermina d-domandi rigward il-kriterji ta' selezzjoni."

8) Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 7 hu sostitwit mit-test li ġej:

« 7. Il-Kummissjoni tiddeċiedi, b'konformità mal-proċedura indikata fl-Artikolu 17(3), struttura għall-klawsoli, l-iskeda u i-ċifri tal-pagamenti ta' bonusijiet ta' interess tas-sussidji lill-primjums ta' garanziji u ta' għajjnuna taħt il-forma ta' parteċipazzjoni fil-fondi ta' kapital ta' riskju, f'dak li jikkonċerna l-fondi ta' investiment jew ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji komparabbli, li għandhom bħala prijorità li jfornu l-kapitali ta' riskju għal proġetti ta' *networks transewropej*".

9) L-Artikolu 14 hu mneħħi

10) Fl-Artikolu 15(3), l-ewwel sentenza, ir-referenza għall-Artikoli 5 u 6 hija sostitwita b' referenza għall-Artikolu 5(1) u (2), u għall-Artikolu 6.

11) Fl-Artikolu 16 l-ewwel paragrafu hu sostitwit mit-test li ġej:

«1. Il-Kummissjoni tippreżenta kull sena lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Regġuni rapport annwali dwar l-attivitajiet imwettqa fl-ambitu ta' dan ir-Regolament. Dan ir-rapport għandu l-evalwazzjoni tar-riżultati mil-huqa permezz ta' l-intervent komunitarju f'oqsma differenti ta' applikazzjoni, b'ħarsa lejn l-obiettivi tal-bidu".

12) L-Anness hu mneħħi.

Artikolu 23

Dħul fis-seħħ

Din ir-Regolament jidħol fis-seħħ għoxrin ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Hu jibda jseħħ mill-1 ta' Jannar 2007.

L-azzjonijiet għaddejjin fil-qasam tat-trasport u ta' l-enerġija fid-data ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ikomplu jaqgħu taħt il-kontroll tar-Regolament (KE) Nru 2236/95, fil-verżjoni fis-seħħ mill-31 ta' Diċembru 2006.

Dan ir-Regolament hu obbligatorju fl-elementi tiegħu kollha u japplika direttament f'kull Stat Membru.

Magħmul fi Brussell, fi

*Mill-Parlament Ewropew
Il-President*

*Mill-Kunsill
Il-President*

FORMOLA FINANZJARJA LEĠISLATTIVA

Qasam(Oqsma) politiku (çi): Promozzjoni tal-kompetittività, tas-sigurtà u tas-sostenibilità fil-qasam ambjentali tan-*networks* ta' bejn il-fruntieri.

Attività(jiet): *Network* Transewropew ta' Trasport u ta' Enerġija

ISEM TA' L-AZZJONI: GĦAJNUNA FINANZJARJA GĦALL-PROĠETTI TA' INTERESS KOMUNI FIN-NETWORK TRANSEWROPEW TA' TRASPORT U TA' ENERGĠJA

1. LINJA (I) TAL-BAĠIT(S) + INTESTATURA(I)

06.0301: Għajnuna finanzjarja lill-proġetti ta' interess komuni tan-*network* transewropew ta' trasport

06.01.04.04: Għajnuna finanzjarja lill-proġetti ta' interess komuni tan-*network* transewropew ta' trasport – Spejjeż ta' l-immaniġġjar amministrattiv

06.03.02: Għajnuna finanzjarja lill-proġetti ta' interess komuni tan-*network* transewropew ta' enerġija

06.01.04.05: Għajnuna finanzjarja lill-proġetti ta' interess komuni tan-*network* transewropew ta' enerġija – Spejjeż ta' l-immaniġġjar amministrattiv

2. DATA TAL-FIGURI GLOBALI

2.1 Somma totali ta' l-azzjoni (parti B): miljuni ta' Euros fi KI

20.690 miljun € bħala krediti ta' impenn

Id-deċizzjoni mill-awtorità leġislattiva tkun meħuda mingħajr preġudizzju fid-deċizzjonijiet tal-baġit meħuda fil-kuntest tal-proċedura annwali.

2.2 Perijodu ta' applikazzjoni:

2007-2013

2.3 Stima globali fuq numru ta' snin ta' l-ispejjeż:

- a) Skeda tal-krediti ta' impenn/krediti ta' pagament (intervent finanzjarju) (cf. punt 6.1.1)

Miljuni ta' Euros (sat-tielet deċimali)

	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	2014	2015	Total
Kredit ta' impenn	908,8	1781,2	2344	2874,5	3544,5	4240,5	4931,5	0	0	20625
Kredit ta' pagament	359,9	982,3	1741,2	2385,6	2982,5	3621,2	4304,8	2764	1483,6	20625

b) Assistenza teknika u amministrattiva (TAA) u spejjeż ta' appoġġ (DDA) (cf. punt 6.1.2)

	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	2014	2015	Total
KI	6,2	6,8	8	10,5	10,5	11,5	11,5	0	0	65
KP	6,2	6,8	8	10,5	10,5	11,5	11,5	0	0	65

Total parzjali a+b	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	2014	2015	Total
KI	915	1788	2352	2885	3555	4252	4943	0	0	20690
KP	366,1	989,1	1749,2	2396,1	2993	3632,7	4316,3	2764	1483,6	20690

c) Impatt finanzjarju globali tar-riżorsi umani u spejjeż oħra tat-tħaddim (cf. punti 7.2 u 7.3)

	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	2014	2015	Total
KI/KP	10,973	10,973	10,973	10,973	10,973	10,973	10,973	0	0	76,811

TOTAL a+b+c	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	2014	2015	Total
KI	926,0	1799,0	2363,0	2896,0	3566,0	4263,0	4954,0	0,0	0,0	20766,8
KP	377,1	1000,1	1760,2	2407,1	3004,0	3643,7	4327,3	2764,0	1483,6	20766,8

2.4 Kompatibilità mal-programmazzjoni finanzjarja u mal-perspettivi finanzjarji

[X] Proposta kompatibbli mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li tikkonċerna l-2007-2013 ta' l-10 ta' Frar 2004 (KUMM(2004) 101).

2.5 Impatt finanzjarju fuq id-dħul

[X] Ebda impatt finanzjarju (din tikkonċerna l-aspetti tekniċi relattivi għat-tħaddim ta' miżura).

3. KARATTERISTIĊI TAL-BAĖIT

Tip ta' spiża		Ġdida	Parteċipazzjoni EFTA	Parteċipazzjoni pajjiżi kandidati	Kolonna PF
NOE	DA	LE	LE	LE	Nru 1A

4. BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikolu 156 tat-Trattat

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2236/95 tat-18 ta' Settembru 1995 li jiddetermina r-regoli ġenerali ta' l-għoti ta' l-għajnuna finanzjarja komunitarja fil-qasam tan-*network* transewropej, emendat mir-Regolament (KE) Nru 1655/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-19 ta' Lulju 1999 u emendat mir-Regolament (KE) Nru 807/2004 tal-21 ta' April 2004.

Id-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' Lulju 1996, dwar l-orjentazzjonijiet komunitarji għall-iżvilupp ta' *network* transewropej ta' trasport emendata mid-Deċiżjoni Nru 1346/2001/KE f'dak li jikkonċerna l-portijiet marittimi, il-portijiet ta' navigazzjoni interna u t-*terminals* fejn jiltaqgħu mezzi differenti ta' trasport kif ukoll il-proġett Nru 8 ta' l-Anness III u emendata bid-Deċiżjoni Nru 884/2004/KE tad-29 ta' April 2004.

DEĊIŻJONI Nru 1229/2003/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tas-26 ta' Ġunju 2003 li tistabbilixxi grupp ta' orjentazzjonijiet relattivi man-*networks* transewropej fis-settur ta' l-enerġija, u li tabroga d-Deċiżjoni Nru 1254/96/KE

Is-somma finanzjarja tal-programm tista' wkoll tkopri l-ispejjeż ta' dejn pagabbli ta' l-azzjonijiet ta' preparazzjoni, ta' *follow-up*, ta' kontroll, ta' awditjar u ta' evalwazzjoni, direttament neċessarji għall-immaniġġjar tal-programm u għat-twettiq ta' l-oġettivi, notevolment, ta' l-istudji, tal-laqgħat, ta' l-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' pubblikazzjoni, (ta' l-ispejjeż marbuta man-*networks* ta' l-informazzjoni li għandhom l-għan ta' skambju ta' informazzjonijiet), kif ukoll kull xorta oħra ta' spiża ta' assistenza amministrattiva u teknika li għaliha tista' tirrikorri l-Kummissjoni għall-immaniġġjar tal-programm.

FORMOLA FINANZJARJA LEĠISLATTIVA: PUNTI SPEĊIFIĊI GĦAN-NETWORK TRANSEWROPEW TAT- TRASPORT

**GĦAJNUNA FINANZJARJA GĦALL-PROĠETTI TA' INTERESS KOMUNI FIN-NETWORK
TRANSEWROPEW TAT-TRASPORT**

1. LINJA (I) TAL-BAĠIT(S) + INTESTATURA(I)

ara hawn fuq

2. DATA TAL-FIGURI GLOBALI

2.1 Somma totali ta' l-azzjoni (parti B): miljuni ta' Euros fil-KI

20.350 miljun € bħala krediti ta' impenn

2.2 Perijodu ta' applikazzjoni:

2007-2013

2.3 Stima globali fuq numru ta' snin ta' l-ispejjeż:

- a) Skeda tal-krediti ta' impenn/krediti ta' pagament (intervent finanzjarju) (cf. punt 6.1.1)

Miljuni ta' Euros (sat-tielet deċimali)

	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	2014	2015	Total
Krediti ta' impenn	889,0	1.761,5	2.294,5	2.825,0	3.485,0	4.182,0	4.853,0	0,00	0,00	20.290,0
Krediti ta' pagament	354,0	968,5	1.712,5	2.345,0	2.930,0	3.565,0	4.240,0	2.715,0	1.460,0	20.290,0

- b) Assistenza teknika u amministrattiva (TAA) u spejjeż ta' appoġġ (DDA) (cf. punt 6.1.2)

	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	2014	2015	Total
KI	6,0	6,5	7,5	10,0	10,0	10,0	10,0			60,0
KP	6,0	6,5	7,5	10,0	10,0	10,0	10,0			60,0

Total parzjali a+b	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	2014	2015	Total
KI	895	1.768	2.302	2.835	3.495	4.192	4.863	-	-	20.350
KP	360	975	1.720	2.355	2.940	3.575	4.250	2.715	1.460	20.350

c) Impatt finanzjarju globali tar-riżorsi umani u spejjeż oħra tat-tħaddim (cf. punti 7.2 u 7.3)

	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	2014	2015	Total
KI/KP	10,4	10,4	10,4	10,4	10,4	10,4	10,4			72,8

TOTAL a+b+c	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	2014	2015	Total
KI	905,4	1.778,4	2.312,4	2.845,4	3.505,4	4.202,4	4.873,4	0,0	0,0	20.422,8
KP	370,4	985,4	1.730,4	2.365,4	2.950,4	3.585,4	4.260,4	2.715,0	1.460,0	20.422,8

3. KARATTERISTIĊI TAL-BAĠIT

ara hawn fuq

4. BAŻI ĠURIDIKA

ara hawn fuq

5. DESKRIZZJONI U ĠUSTIFIKAZZJONI

5.1 Neċessità ta' intervent komunitarju³⁹

In-neċessità ta' intervent komunitarju jiġġustifika lilu nnifsu bl-obbligu ta' kontribuzzjoni għat-twaqqif u għall-iżvilupp tan-*network* transewropew tat-trasport, ikkunsidrat bħala politika essenzjali għat-tħaddim tajjeb tas-Suq Intern u għall-koeżjoni ekonomika u soċjali (Artikoli 154 sa 156). Din il-kontribuzzjoni tiegħu l-forma tal-ko-finanzjament tal-proġetti ta' interess komuni identifikati fl-orjentazzjonijiet komunitarji għall-iżvilupp tan-*network* transewropew ta' trasport (Deċiżjoni Nru 884/2004/KE tad-29 ta' April 2004).

³⁹ Għal aktar informazzjoni, ara d-dokument separat ta' orjentazzjoni

5.1.1. Obiettivi seguiti

Il-Kummissjoni fil-*White Paper* tagħha dwar il-politika komuni tat-trasporti⁴⁰ kienet għaldaqstant għibdet l-attenzjoni dwar id-dewmien fit-tweġġ ta' dan in-*network*. Notevolment, minkejja l-impenji meħuda mill-Istati fil-Kunsill Ewropew ta' Essen f'Diċembru 1994 li jridu jittwettqu qabel l-2010 erbatax-il proġett kbir ta' infrastruttura, fl-aħħar ta' l-2003, tlieta biss minn dawn il-proġetti kienu kompluti: b'mod partikulari, inqas minn kwart ta' l-investimenti neċessarji għall-konnessjonijiet transnazzjonali ta' dawn il-proġetti kienu misjuba. Jekk din is-sitwazzjoni mhix se tiżviluppa, sabiex jitlesta n-*network* kollu transewropew ta' trasport hekk kif prevedut fl-2004, se jkunu meħtieġa aktar minn 20 sena, jekk ikun ikkunsidrat il-fatt li r-riżorsi pubbliċi, ta' l-Istati, tal-Komunità jew tar-reġjuni, allokat i għal dawn il-proġetti jibqgħu ħafna inqas mill-bżonnijiet.

Bil-wasla ta' l-għaxar Stati Membri għodda fi ħdan l-Unjoni, it-traffiku bejn l-Istati Membri sejjer kważi jirdoppja minn issa sa l-2020⁴¹ fuq infrastrutturi li kultant diġà għamli żmienhom jew li l-kapaċità tagħhom hi llum il-għnata diġà nieqsa minn ħafna bżonnijiet. In-nuqqas ta' konnessjonijiet effiċjenti transewropej biex tkun iffaċċjata din id-domanda qiegħed għalhekk jirriskja li jiffa' lura serjament il-kompetittività ta' l-Unjoni u ta' l-Istati u r-reġjuni periferali li mhux se jkunu jistgħu – jew mhux se jkunu jistgħu aktar – jipproffittaw bi sħiħ mill-effetti vantaġġjużi ta' suq kbir uniku. Biex ikunu ffaċċjati dawn l-isfidi, il-Kummissjoni preżentat – f'Ottubru 2003 – proposta ta' reviżjoni ta' l-orjentazzjonijiet relattivi man-*network* transewropew ta' trasport, u b'mod partikulari l-aġġornament tal-lista tal-proġetti prijoritarji - minn issa 'l quddiem għan-numru ta' 30 – li jkopru l-Unjoni mkabbra. Din kienet adottata mill-Parlament u mill-Kunsill fil-21 ta' April li għadda.

Jekk il-Komunità hija mgħammra bil-kompetenzi fil-qasam tal-pjanifikazzjoni tan-*networks* transewropej, dawn ta' l-aħħar mhumieħ għaldaqstant akkumpanjati mill-parti finanzjarja adegwata biex ikun appoġġat it-tweġġ ta' dawn in-*networks*. Il-finanzjamenti komunitarji jippreżentaw għaldaqstant vantaġġi sinifikattivi meta mqabbla mal-finanzjamenti nazzjonali. Huma se joffru stabbiltà fil-finanzjament li ħafna mill-baġits nazzjonali, sottomessi għar-riskji tas-sitwazzjoni ekonomika u tibdil ta' arbitraġġ, ma joffrux; huma għandhom l-effett ta' lieva li jħeġġeġ lill-Istati Membri biex jinvestu fi proġetti Ewropej b'valur miżjud qawwi iżda wkoll sabiex iħeġġuhom biex jikkoordinaw bejniethom. Huma jikkontribwixxu għat-tħaddim tal-politika tat-trasporti, b'mod partikulari billi jipprivileġġaw il-mezzi l-aktar “sostenibbli”, notevolment il-konnessjonijiet ferrovjarji ta' bejn il-fruntieri⁴² u huma jistgħu ukoll iservu ta' katalizzatur għat-twaqqif ta' sħubijiet pubbliċi-privati. Minkejja dawn il-vantaġġi kollha, ir-riżorsi allokat i lin-*networks* transewropej matul il-perijodu 2000-2006, jiġifieri 4.170 M€ destinati għat-trasport – kienu b'mod wiesa' insuffiċjenti meta mqabbla ma' l-ispejjeż tat-tweġġ tan-*network*. Dawn jirrappreżentaw bilkemm 600 M€ fis-sena fuq il-perijodu, li jibqa' insuffiċjenti ħafna meta mqabbel mal-bżonnijiet finanzjarji idenifikati għan-*network* transewropew ta' trasport u meta mqabbla mad-domandi ta' appoġġ magħmula mill-Istati Membri li jippreżentaw bosta drabi din is-somma.

⁴⁰ KUMM(2001) 370: "Il-politika Ewropea tat-trasporti fl-orizzont 2010: is-sieġha ta' l-għażla"

⁴¹ Traffiku totali: +70% tat-traffiku tal-ġarr tal-merkanzija UE 15 u + 100% għall-EWR10.

⁴² Aktar minn 65% tal-baġit TEN huma dedikati għall-proġetti ferrovjarji, 20% għas-sistemi intelliġenti ta' trasport (ITS) u innovattivi, bħalma huma s-sistemi ta' interoperabilità fil-qasam ferrovjarju jew fin-navigazzjoni ta' l-ajru. Enfasi partikulari hi magħmula wkoll fuq l-iżvilupp ta' proġetti kbar bejn il-fruntieri għat-trasport tal-merkanzija li jibbenefikaw mill-assigurazzjoni tal-finanzjamenti.

Il-bżonnijiet finanzjarji tat-30 proġetti prijoritarju fis-sens ta' l-Anness III għad-Deċiżjoni fuq l-orjentazzjonijiet relattivi man-*networks* transewropej ta' trasport identifikati mill-Kunsill u l-Parlament jikkostitwixxu wehdedhom 225 biljun € li minnhom il-parti l-kbira ta' l-ispejjeż li se tkun appoġġata bejn 2007 u 2013, tirrappreżenta bejn wieħed u ieħor 140 biljun €.

B'mod ġenerali, l-oġġettivi segwiti għandhom bħala għan:

- li jtejbju ċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku għall-benefiċċju tal-klijenti u ta' l-intrapriżi;
- li jkun aċċellerat it-tweġġiq mill-Istati Membri tal-proġetti ta' interess komuni u b'mod partikulari tal-proġetti ta' bejn il-fruntieri tan-*network* transewropew ta' trasport, sabiex ta' l-inqas 75% tal-proġetti prijoritarji jkunu tlestew sa l-2013, fosthom dawk li huma sezzjonijiet internazzjonali;
- li jintrebħu l-ostakoli finanzjarji li jistgħu jimponu lilhom infushom fil-fażi tat-tħaddim ta' dawn il-proġetti u li jassiguraw arranġamenti finanzjarji aħjar għall-proġetti, billi jimminimizzaw it-talba għall-fondi pubbliċi, bis-saħħa tal-flessibbiltà tal-klawsoli ta' intervent;
- li jstimula l-parteeipazzjoni ta' kapital privat għall-finanzjament tal-proġetti kif ukoll is-sħubija bejn is-setturi pubbliċi u privati;

Għall-Unjoni kollha t-tweġġiq ta' dawn il-proġetti se jippermetti li jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ b'4%, kif ukoll tat-tniġġis atmosferiku b'mod partikulari fiż-żoni delikati muntanjużi. Il-konġestjoni tat-toroq għandha tkun imnaqqa, fil-każ ta' tagħha b'14% u huma se jagħmlu akkwisti ta' ħin fit-trasporti bejn ir-regġuni li jammontaw għal 8 biljun € fis-sena. Huma jikkontribwixxu biex ikun stabbilit it-tqassim tal-mezzi ta' trasport u se jkunu jistgħu wkoll jeqilbuh favur il-metodi ta' trasport li l-aktar jirrispettaw l-ambjent fuq ċerti rotot prinċipali internazzjonali. Barra minn hekk, filwaqt li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' skambji bejn l-Istati Membri, u filwaqt li jtejbju l-aċċessibbiltà, dawn il-proġetti għandhom ikabbru l-potenzjal ta' l-iżvilupp minn 0.2 għal 0.3 % tal-GDP, li għandu jikkorrispondi mal-ħolqien jew maż-żamma ta' miljun impjieg permanenti.

5.1.2 Dispożizzjonijiet meħuda li jaqgħu taħt l-evalwazzjoni ex ante

Fl-ambitu tar-reviżjoni ta' l-orjentazzjonijiet TEN-T (KUMM(2003) 564) il-Kummissjoni qabdet biex tkun imwettqa analiżi profonda dwar l-impatt tal-proposta li temenda d-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE dwar l-iżvilupp tan-*network* transewropew tat-trasport. Ir-rimarki prinċipali tad-Dokument SEC (2003) 1060 huma li ġejjin:

- a. Il-programm ta' investiment TEN-T se jstimula l-kompetittività u l-ekonomija fl-Ewropa. Hu se jikkontribwixxi fl-iżvilupp tal-kummerċ internazzjonali, notevolment fil-pajjiżi membri ġodda.
- b. Fil-futur qrib, ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni se jstimulaw l-impjieg, b'mod partikulari fir-regġuni konċernati.
- c. Fil-futur aktar imbiegħed, it-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja li jirriżulta mill-multiplikazzjoni ta' l-okkażjonijiet ta' skontri u ta' żvilupp tal-perspettivi kummerċjali bis-saħħa tat-titjib tal-konnessjonijiet u ta' l-aċċessibbiltà huma kkalkulati li jammontaw għal 0.23 % tal-GNP u jirrappreżentaw madwar miljun impjieg sostenibbli.

Il-bżonnijiet fl-investimenti li kienu kkalkulati fl-ambitu tar-rapport Van Miert jammontaw għal 600 biljun € għall-proġetti kollha ta' interess komuni, li minnhom 225 biljun għall-proġetti prijoritarji (140 biljun għal dawn il-proġetti għal perijodu biss bejn 2007-2013).

5.2 Azzjonijiet previsti u klawnsoli ta' l-intervent tal-baġit

Popolazzjoni indikata

Amministrazzjonijiet nazzjonali u reġjonali ta' trasport, ditti u konsorzji ta' twettiq tal-proġetti, istituti u fondazzjonijiet tekniċi, gruppi ekonomiċi b'interess Ewropew, klijenti ta' l-infrastruttura ta' trasport. Skond ir-Regolament il-ġdid, id-domandi ta' għajjnuna huma preżentati lill-Kummissjoni mill-Istat jew l-Istati Membri/i li huwa/huma direttament konċernat/i.

Għażla tal-klawsoli ta' intervent

Kif indikat diġà, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-appoġġ massimu tal-proġetti *tan-network* transewropew li jappartieni għall-kategorija tal-proġetti ferrovjarji ta' bejn il-fruntieri li għandhom jaqsmu ostakoli naturali jew għall-proġetti li verament jimmiraw biex jeliminaw l-imbokkaturi doġoq se jkollhom jiżiedu b'faxxa li twassal sa 50% ta' l-ispiża totali sabiex ikun attivati effetti multiplikatur u li jattira notevolment l-investimenti privati

Il-klawsola ta' intervent għall-proġetti speċifiċi tiddependi l-ewwelnett mis-sitwazzjoni u l-livell ta' maturità ta' kull proġett.

L-istudji ta' probabbiltà huma adatti biex jiggarrantixxu li l-proġetti huma definiti tajjeb mill-konċepiment sal-bidu tagħhom.

It-tipi l-oħra ta' intervent, jiġifieri l-bonusijiet ta' interess, kontribuzzjonijiet għall-primjums ta' garanzija ta' self, huma adottati b'mod li jassiguraw li t-tip ta' finanzjament adottat hu l-aktar adatt għall-iżvilupp tal-proġett kunsidrat. Dan huwa validu wkoll għas-sussidji fil-każ fejn huma jippermettu permezz ta' l-addizzjonalità, l-aċċellerazzjoni tal-proġetti, magħmula impossibbli sa dak in-nhar minħabba nuqqas ta' fondi u minħabba l-insuffiċjenza ta' dħul finanzjarju għall-proġetti ekonomiċi vijabbli. It-tħaddim tal-fondi ta' garanzija se jippermetti wkoll li jkunu koperti r-riskji posterjuri għall-kostruzzjoni fil-każ ta' l-arranġamenti tat-tip PPP.

Informazzjonijiet preċiżi huma mogħtija mill-Istati Membri u l-promoturi skond l-indikazzjonijiet ċitati fil-formoli ta' domanda ta' appoġġ finanzjarju għall-istudji u għall-proġetti eleġibbli, jiġifieri l-ispejjeż eleġibbli kalkulati. Il-pjan ta' finanzjament hu wkoll elaborat mill-Istati Membri jew promoturi billi tintuża t-tabella "Analiżi statistika ta' l-infiq u pjan ta' finanzjament" li tinstab fil-formola ta' domanda ta' appoġġ finanzjarju. Huma għandhom ukoll jiddikjaraw li vverifikaw il-possibbiltà ta' użu ta' sorsi oħra ta' finanzjament, notevolment privati.

L-orjentazzjonijiet TEN (Nru 884/2004) jinkludu sensiela ta' proġetti ta' interess komuni u fost dawn il-proġetti jingħaddu 30 proġett prijoritarju li se jibbenefikaw minn prijorità finanzjarja permezz tal-baġit TEN-T (bejn 65 u 85% tat-total).

Is-selezzjoni tal-proġetti li jibbenefikaw minn ko-finanzjament TEN-T se tkun magħmula fuq bażi ta' informazzjonijiet mibgħuta mill-Istati Membri, l-ewwel

evalwazzjoni ta' dawn l-informazzjonijiet tippermetti li jkun kalkulat ċertu numru ta' dawn il-proġetti li jissodisfaw l-oġġettivi marbuta man-*networks* transewropej Trasport.

Skond ir-Regolament TEN attwali, id-domandi ta' għajnuna finanzjarja huma preżentati lill-Kummissjoni mill-Istati Membri jew mill-promoturi. Dawn ikunu s-suġġett ta' eżaminazzjoni profonda sabiex tkun ivverifikata l-konformità tal-kontribuzzjoni ta' kull proġett li jinkludu l-proġetti ta' bejn il-fruntieri. F'dan ir-rigward, ikunu kkunsidrati, b'akkordju mar-Regolament, il-punti li ġejjin :

- a) Livell ta' kontribuzzjoni speċifika tal-proġett għall-oġġettivi dikjarati fit-Trattat, kif ukoll għall-oġġettivi u prioritajiet koperti mill-orjentazzjonijiet komunitarji għall-iżvilupp tat-TEN;
- b) Vijabilità ekonomika/finanzjarja potenzjali;
- c) Maturità tal-proġett (li tinkludi t-tħaddim tal-baġit anterjuri);
- d) Effett ta' stimolazzjoni ta' l-intervent komunitarju fuq il-finanzjamenti "pubbliċi/privati";
- e) Effetti soċjo-ekonomiċi diretti u indiretti, notevolment fuq x-xogħol;
- f) Impatt fuq l-ambjent ;
- g) garanzija tar-rispett tad-dritt komunitarju;
- h) skeda ta' eżekuzzjoni u informazzjoni tas-somma finanzjarja u tal-parteċipazzjoni prevista ta' entitajiet pubbliċi jew oħrajn;
- i) benefiċċji meħuda mill-Istati Membri l-oħra.

5.3 Klawsoli ta' tħaddim

Immaniġġjar dirett mill-Kummissjoni b'mod uniku ma' l-impjegati statutorji jew esterni – il-possibbiltà li jkun hemm riferiment għal aġenzija eżekuttiva hija għaldaqstant kunsidrata fil-proposta tar-Regolament.

6. IMPATT FINANZJARJU

6.1 Impatt finanzjarju totali fuq il-parti B (għal kull perijodu tal-programmazzjoni)

6.1.1 Intervent finanzjarju

Krediti ta' impenn f'miljuni ta' Euros (sat-tielet deċimali)

Analiżi statistika ta' l-Infiq	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	2014	2015	Total

Programm TEN fuq numru ta' snin	760,75	1502,8	1956,7	2409,7 5	2970,7 5	3563,2	4133,5 5	0	0	17297,5
Proġetti oħra ta' interess komuni	134,25	265,2	345,3	425,25	524,25	628,8	729,45	0	0	3052,5
Total	895	1768	2302	2835	3495	4192	4863	0	0	20350

6.1.2

*Assistenza teknika u amministrattiva (TAA), spejjeż ta' appoġġ (DDA) u spejjeż TI (kreditu ta' impenn)
f' ME*

	2007	2008	2009	2010	2011	2012-2013	Total
1) Assistenza teknika u amministrattiva (TAA):							
a) Uffiċċji ta' assistenza teknika (TAO)							
b) Assistenza oħra teknika u amministrattiva							
- ġol-belt							
- barra l-belt							
għall-kostruzzjoni u l-manteniment tas-sistemi kompjuterizzati ta' l-immaniġġjar tagħhom	1,0	1,0	1,0	1,0	1,0	2,0	
Total parzjali 1	1,0	1,0	1,0	1,0	1,0	2,0	
2) Spejjeż ta' appoġġ (DDA)							
a) Studji	4,5	5,0	6,0	8,5	8,5	17	
b) Laqgħat ta' esperti							
c) Informazzjoni u pubblikazzjonijiet	0,5	0,5	0,5	0,5	0,5	1	
Total parzjali 2	5,0	5,5	6,5	9,0	9,0	18,0	
TOTAL	6,0	6,5	7,5	10,0	10,0	20,0	

6.2. Kalkolu ta' l-ispejjeż għar-raġunijiet previsti fil-parti B (għall-perijodu kollu tal-programmazzjoni)⁴³

Kreditu ta' impenn f'miljuni ta' Euros (sat-tielet deċimali)

Analiżi statistika ta' l-infiq	-Tip ta' twettiq/ <i>outputs</i> (proġetti, inkartamenti ...)	Numru ta' twettiq/ <i>outputs</i> (total għal snin 1...nru)	Spiża unitarja medja	Spiża totali (total għal snin 1...nru)
	1	2	3	4=(2X3)
Studji u xogħlijiet għat-twettiq tal-proġetti TEN-T	Studji tekniċi, ambjentali, ekonomiċi, finanzjarji Xogħlijiet	40 160		
SPIŻA TOTALI		200		

(Jekk neċessarju, spjega l-metodu ta' kalkolu)

7. IMPATT FUQ L-IMPJEGATI U L-ISPEJJEŻ AMMINISTRATTIVI

7.1. Impatt fuq ir-riżorsi umani

Il-bżonnijiet f'riżorsi umani u amministrattivi se jkunu koperti mill-kontribuzzjoni allokata lid-DĠ li tkun qed timmaniġġja fl-ambitu tal-proċedura ta' allokazżjoni annwali

L-allokazżjoni ta' karigi se tiddependi minn naħa mill-organizzazzjoni interna tal-Kummissjoni li jmiss u minn oħra ta' riallokazżjoni ta' karigi bejn is-servizzi skond il-perspettivi finanzjarji ġodda.

⁴³ Għal aktar informazzjoni, ara d-dokument separat ta' orjentazzjoni

Sitwazzjoni attwali		Impjegati li għandhom ikunu allokati għall-immaniġġjar ta' l-azzjoni permezz ta' l-użu tar-riżorsi eżistenti u/jew supplimentari		Total	Deskrizzjoni tax-xogħlijiet li jsegwu mill-azzjoni
Tipi ta' impjieg		Numru ta' impjieg permanenti	Numru ta' impjieg temporanji		
Impjegati jew aġenti temporanji	A	27		27	(Jekk neċessarja, deskrizzjoni aktar kompluta tax-xogħlijiet tista' tkun annessa.)
	B	11		11	
	C	20		20	
Riżorsi umani oħra					
Total		58		58	

Sitwazzjoni futura		Impjegati li għandhom ikunu allokati għall-immaniġġjar ta' l-azzjoni permezz ta' l-użu tar-riżorsi eżistenti u/jew supplimentari		Total	Deskrizzjoni tax-xogħlijiet li jsegwu mill-azzjoni
Tipi ta' impjieg		Numru ta' impjieg permanenti	Numru ta' impjieg temporanji		
Varjazzjoni mqabbla mas-sitwazzjoni attwali					
Impjegati jew aġenti temporanji	A	37 (+10)		37 (+10)	(Jekk neċessarju, deskrizzjoni aktar kompluta tax-xogħlijiet tista' tkun annessa.)
	B	29 (+18)		29 (+18)	
	C	27 (+7)		27 (+7)	
Riżorsi umani oħra					
Total		93 (+35)		93 (+35)	

7.2 Impatt finanzjarju globali tar-riżorsi umani

Tip ta' riżorsi umani	Ċifri f'Euros	Metodu ta' kalkolu*
-----------------------	---------------	---------------------

Impjegati Aġenti temporanji	10.044.000	108.000 € bejn wieħed u ieħor għal kull impjegat u għal kull sena
Riżorsi umani oħra (indika l-linja tal-baġit)		
Total	10.044.000	

Iċ-ċifri jikkorrispondu ma' l-ispejjeż totali għal 12-il xahar.

7.3 Spejjeż oħra ta' tħaddim li jsegwu mill-azzjoni

Linja tal-baġit (nru u titolu)	Ċifri f'€uros	Metodu ta' kalkolu*
Somma globali (Titolu A7)		
A0701 – Missjonijiet	200.000	200 missjoni fis-sena u 1.000 € għal kull missjoni
A07030 – Laqgħat		
A07031 – Kumitati obbligatorji (1)	162.000	4 laqgħat tal-kumitat statutorju obbligatorju TEN-T fis-sena ta' 27 u 1.500 € għal kull persuna
A07032 – Kumitati li mhumiex obbligatorji (1)		
A07040 – Konferenzi		
A0705 – Studji u konsultazzjonijiet		
Spejjeż oħra (indika liema huma)		
Sistemi ta' informazzjoni (A-5001/A-4300)		
Spejjeż oħra - parti A (indika liema huma)		
Total	362.000	

Iċ-ċifri jikkorrispondu ma' l-ispejjeż totali ta' l-azzjoni għal 12-il xahar.

(1) Ippreċiża t-tip ta' kumitat kif ukoll il-grupp li hu jappartieni għalih.

I	Total annwali (7.2 + 7.3)	10.406.000 Euros
II.	Tul taż-żmien ta' l-azzjoni	7 snin
III.	Spiża totali ta' l-azzjoni (I x II)	72.842.000 Euros

8. KONTROLL U EVALWAZZJONI

8.1 Sistema ta' kontroll

Ir-Regolament jipprevedi għan-neċessità ta' kontroll u ta' evalwazzjoni għal kull azzjoni. Hu għalhekk previst li d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni jinkludu, f'każ ta' bżonn, ta' indikaturi fiżiċi stabbiliti b'akkordju ma' l-Istati Membri.

Mill-banda l-oħra, skond it-termini tad-Deċiżjonijiet standard tal-Kummissjoni, il-benefiċjarji għandhom jagħtu kull sena informazzjonijiet dwar il-progress ta' l-azzjonijiet (Project Status Report) li jagħtu informazzjoni lill-analiżijiet li jippermettu l-evalwazzjoni konġunta ma' l-Istati Membri dwar il-klawsoli tat-twettiq tal-proġetti.

L-istudji, li għalihom l-indikaturi ma jistgħux ikunu elaborati, se jkunu evalwati b'mod konġunt ma' l-Istati Membri, skond it-tħaddim ta' l-oġettivi segwiti.

8.2 Klawsoli u perjodiċità ta' l-evalwazzjoni prevista

Indikaturi ta' impatt skond l-oġettivi segwiti

L-impatt u r-riżultati meta mqabbla ma' l-oġettivi speċifikati se jkunu evalwati kemm jista' jkun possibbli skond l-effetti derivati:

- żieda tal-kapaċitajiet u ta' l-effikaċja ta' l-infrastrutturi TEN-T;
- sigurtà tat-trasporti (passiġġieri, merkanzija perikuluża eċċ.) u tnaqqis tan-numru ta' aċċidenti;
- evoluzzjoni ta' indikaturi soċjo-ekonomiċi bi tqabbil mal-previżjonijiet *ex-ante*;
- tnaqqis tal-konġestjoni;
- tnaqqis tat-tniġġis ;
- evalwazzjoni kwalifikattiva fost il-klijenti tan-*networks*;
- benefiċċji akkwistati mill-Istati Membri l-oħra;
- vantaġġi ekonomiċi mnissla mill-intervent komunitarju (li jinkludi ġustifikazzjoni ta' l-għażla ta' strumenti finanzjarji, f'dan il-każ il-bonusijiet ta' interess, sussidji diretti, primjums ta' garanzija eċċ.).

Dawn l-indikaturi se jkunu assessjati skond it-tip ta' azzjoni evalwata u wara diskussjoni ma' l-Istati Membri.

Evalwazzjoni puntwali: għal numru limitat ta' azzjonijiet, hu possibbli li jkunu llanċjati evalwazzjonijiet ta' proġetti jew ta' grupp kollu ta' proġetti.

Barra minn hekk, evalwazzjoni f'nofs triq se tkun imwettqa qabel l-aħħar ta' l-2010 biex ikun adattat il-programm jekk neċessarju. Evalwazzjoni ġenerali tar-riżultati ta' l-attivitajiet TEN-Enerġija se jkunu mwettqa fl-aħħar tal-programm.

Din l-evalwazzjoni se timmira biex tkejjel ir-riżultati ta' l-azzjonijiet finanzjati fl-ambitu tal-TEN-trasport u biex jintwera sa fejn dawn l-azzjonijiet ikkontribwew bl-impatt tagħhom biex ikun milfuq jew avviciinati l-oġġettivi politiċi ta' l-Unjoni. Hi tippermetti wkoll l-adattament futur ta' l-orjentazzjoni TEN-trasport.

9. MIŻURI KONTRA L-FRODI

Id-dispożizzjonijiet ta' kontra l-frodi huma stabbiliti mir-Regolament emendat li jipprevedi dispożizzjonijiet rinforzati meta mqabbla mar-Regolament fis-seħħ u jiddefinixxu li l-Istati Membri u l-Kummissjoni, kull wiehied/waħda fil-qasam tal-kompetenza rispettiva tiegħu/ħa, jieħdu l-miżuri neċessarji biex jivverifikaw l-eżekuzzjoni tal-proġetti, jipprojbixxu jew jissanzjonaw l-irregolaritajiet u jirkupraw il-fondi mitlufa minħabba irregolarità.

1. Sabiex tkun garantita l-opportunità, il-legalità u r-regolarità ta' l-ispejjeż koperti fl-ambitu tal-proġetti finanzjati f'isem dan ir-Regolament, l-Istati Membri u l-Kummissjoni, kull wiehied fil-qasam tiegħu ta' kompetenza, jieħdu l-miżuri neċessarji biex:

- jivverifikaw regolarment li l-proġetti u l-istudji li jibbenefikaw minn appoġġ finanzjarju komunitarju kienu esegwiti b'mod korrett;
- jibbrojbixxu u jissanzjonaw l-irregolaritajiet, jirkupraw il-fondi mitlufa bħala konsegwenza ta' irregolarità, li tinkludi l-interessi li għandhom x'jaqsmu magħha.

2. L-Istat Membru jagħmel il-kontrolli neċessarji li jinkudu kontrolli fuq il-post sabiex tkun verifikata u ċertifikata r-regolarità u l-eżattezza tad-domandi ta' pagamenti stabbiliti. L-Istat Membru jista' jitleb il-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni waqt il-kontrolli fuq il-post.

L-Uffiċċju tal-Ġlieda ta' Kontra l-Frodi tal-Kummissjoni (OLAF) jista' jipproċedi biex isiru kontrolli u verifiki fil-post ta' l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96.

Għall-azzjonijiet komunitarji finanzjati minn dan ir-Regolament, in-nozzjoni ta' irregolarità indikata fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tikkunsidra kull ksur ta' dispożizzjoni tad-dritt komunitarju jew kull nuqqas ta' għarfien ta' obbligu kuntrattwali li jirriżulta minn att jew minn ommissjoni minn entità ġuridika li għandha jew se jkollha bħala effett li toħloq preġudizzju lill-baġit ġenerali ta' Unjoni Ewropea jew lill-baġits immaniġġjati minnha bħala spiża li mhix awtorizzata.

Id-deċiżjonijiet meħudin skond dan ir-Regolament jipprevedu notevolment sorvelja u kontroll finanzjarju mill-Kummissjoni (jew minn kull rappreżentant awtorizzat minnha) u mill-awdituri ta' l-Uffiċċju ta' l-Awdituri, f'każ ta' bżonn fil-post.

L-Istat Membru konċernat u l-Kummissjoni jgħaddu immedjatement lil xulxin l-informazzjonijiet kollha adatti li jikkonċernaw ir-riżultati tal-kontrolli li jkunu saru.

3. L-Istat Membru hu responsabbli għar-rimborż tas-somom ta' flus li ma kellhomx jitħallsu.

B'mod aktar speċifiku, il-Kummissjoni stabbiliet sensiela ta' miżuri, destinati biex inaqqsu r-riskju ta' frodi, fosthom jistgħu jkunu ċitati:

It-twaqqif ta' proċeduri finanzjarji u kuntrattwali derivati mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament finanzjarju u tal-klawsoli tiegħu ta' applikazzjoni; dawn il-proċeduri jippermettu li tkun assicurata applikazzjoni omoġenea tar-regoli;

il-verifika tar-realtà ta' l-għajnuna bażata fuq rapporti tekniċi dettaljati kif ukoll verifika sistematika ta' l-analiżi ta' l-istatistika finanzjarja qabel il-pagament filwaqt li jkunu kunsidrati l-obbligi kuntrattwali kif ukoll il-prinċipji ta' ekonomija u ta' mmaniġġjar finanzjarju tajjeb.

it-twettiq ta' verifiki finanzjarji fil-post, jew skond programm ibbażat fuq analiżi ta' riskji, jew f'każ ta' dubju dwar parti kuntrattwali;

ir-reviżjoni tas-suffiċjenza tas-sistema ta' kontroll intern permezz ta' kapaċità ta' verifika interna, ibbażata fuq l-analiżi tar-riskji.

FORMOLA FINANZJARJA LEĠISLATTIVA: PUNTI SPEĊIFIĊI GĦAN-NETWORK TRANSEWROPEJ TA' ENERĠJA

L-ISEM TA' L-AZZJONI: PROGRAMM TEN-ENERĠJA

1. LINJA(I) TAL-BAĠIT(S) + INTESTATURA(I)

2. DATA TAL-FIGURI GLOBALI

2.1 Somma ta' flus totali ta' l-azzjoni (parti B): 340 Mil€ fi KI

2.2 Perijodu ta' applikazzjoni: 2007 - 2013

2.3 Stima globali fuq numru ta' snin ta' l-ispejjeż:

Skeda tal-krediti ta' impenn/krediti ta' pagament (intervent finanzjarju) (cf. punt 6.1.1)

Mil € (sat-tielet deċimali)

	Sena 2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	2014	2015	Total
Krediti ta' impenn	19,8	19,7	49,5	49,5	59,5	58,5	78,5			335,0
Krediti ta' pagament	5,9	13,8	28,7	40,6	52,5	56,2	64,8	49,0	23,6	335,0

b) Assistenza teknika u amministrattiva (TAA) u spejjeż ta' appoġġ (DDA) (cf. punt 6.1.2)

KI	0,2	0,3	0,5	0,5	0,5	1,5	1,5			5
KP	0,2	0,3	0,5	0,5	0,5	1,5	1,5			5

Total parzjali a+b										
KI	20,0	20,0	50,0	50,0	60,0	60,0	80,0	-	-	340,0
KP	6,1	14,1	29,2	41,1	53,0	57,7	66,3	49,0	23,6	340,0

c) Impatt finanzjarju globali tar-riżorsi umani u spejjeż oħra tat-tħaddim (cf. punti 7.2 u 7.3)

KI/KP	0,573	0,573	0,573	0,573	0,573	0,573	0,573			4,011
-------	-------	-------	-------	-------	-------	-------	-------	--	--	-------

TOTAL a+b+c										
KI	20,6	20,6	50,6	50,6	60,6	60,6	80,6	-	-	344,0
KP	6,7	14,7	29,7	41,6	53,6	58,3	66,9	49,0	23,6	344,0

3. KARATTERISTIĊI TAL-BAĠIT

ara hawn fuq

4. BAŻI ĠURIDIKA

ara hawn fuq

5. DESKRIZZJON U ĠUSTIFIKAZZJONI

5.1 Neċessità ta' intervent komunitarju

5.1.1 Obiettivi segwiti

Il-Kummissjoni tiffavorixxi l-interkonnessjoni, l-interoperabilità u l-iżvilupp tan-*networks* transewropej ta' enerġija, kif ukoll l-aċċess għal dawn *in-networks*, b'konformità mad-dritt komunitarju fis-seħħ, bil-għan li:

a) tiffavorixxi t-twertiq effettiv tas-suq intern b'mod ġenerali u b'mod partikulari tas-suq intern ta' l-enerġija, filwaqt li tinkoraġġixxi l-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-użu razzjonali ta' riżorsi ta' enerġija kif ukoll il-valutazzjoni u l-konnessjoni tar-riżorsi rinnovabbli, bl-iskop li titnaqqas l-ispiża ta' l-enerġija għall-konsumaturi u biex tikkontribwixxi fid-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' enerġija.

b) tiffaċilita l-iżvilupp u l-ftuħ tar-reġjuni inqas vantaġġati u insulari tal-Komunità u biex tikkontribwixxi wkoll fit-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika u soċjali;

c) tirrinforza s-sigurtà tal-provvista ta' enerġija, li tinkludi t-tisħiħ tar-relazzjonijiet, fis-settur ta' l-enerġija, ma' pajjiżi oħra fl-interess reċiproku tagħhom, notevolment fl-ambitu tat-Trattat dwar il-Karta ta' l-Enerġija kif ukoll l-akkordji konklużi ta' kooperazzjoni mill-Komunità.

Attenzjoni partikulari se tkun mogħtija lill-proġetti li jikkontribwixxu għal:

- l-integrazzjoni tas-suq intern ta' l-enerġija, u notevolment tas-sezzjonijiet ta' bejn il-fruntieri,
- il-garanzija ta' provvista ta' enerġija, u notevolment l-interkonnessjonijiet ma' pajjiżi oħra,
- il-konnessjoni tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u/jew
- is-sigurezza, il-kredibilità u l-interoperabilità tan-*networks* interkonnessi.

5.1.2 Dispożizzjonijiet meħuda li jaqgħu taħt l-evalwazzjoni ex ante

Ara l-konklużjonijiet ta' l-Evalwazzjoni Estiża ta' Impatt : SEC(2003) 1369

L-evalwazzjoni tasal għall-konklużjoni li l-ħtieġa ta' azzjoni flimkien ma' l-appoġġ imqabbel għall-proċeduri ta' awtorizzazzjoni u għall-investimenti aċċellerati jitolbu koordinazzjoni mkabbra min-naħa tal-Kummissjoni, kif ukoll azzjoni min-naħa ta' min jagħmel id-domanda.

Il-ħolqien ta' kuntest aktar favorevoli għall-investment tan-*networks* ta' enerġija huwa bażi essenzjali peress li l-kostruzzjoni ta' proġetti ta' trasmissjoni ġodda għandhom bżonn ta' l-attenzjoni ta' mhux biss tas-swieq parteċipanti kollha ta' enerġija iżda wkoll ta' l-awtoritajiet governattivi u lokali. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni Ewropea se tippromwovi kooperazzjoni bejn Stati Membri bl-iskop li żżid il-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għall-proġetti tan-*networks* Trans-Ewropej ta' enerġija u se tippromwovi proġetti tekniċi ta' kooperazzjoni bejn l-operaturi responsabbli mill-immaniġġjar, immonitorjar u l-kontroll tan-*networks* Trans-Ewropej ta' l-enerġija. Bħala l-ewwel prijorità għandha tkun trattata s-selezzjoni ta' proġetti verament importanti minn lista ta' twila ta' proġetti eleġibbli. Dawn il-proġetti għandhom jissodisfaw dawn iż-żewġ kriterji li ġejjin: huma interkonnessjonijiet bejn il-fruntieri jew għandhom impatt sinifikanti fuq il-kapaċità ta' trasmissjoni bejn il-fruntieri. Għal dan l-oġettiv hemm bżonn li jitwaqqaf instrument adatt, per eż. forum, għad-deċiżjoni biex ikun attribwit l-oġhla livell ta' prijorità lil proġetti prijoritarji individwali, permezz ta' Dikjarazzjoni ta' Interess Ewropew. Hu enfasizzat li din id-dikjarazzjoni hi l-konsegwenza ta' akkordji li jiddefinixxu l-prijorità fl-oġhla livell (Anness 1 għad-Deċiżjoni) fil-linji gwida li kienu reċentement adottati u l-lista estiża ta' proġetti fuq livell aktar baxx (Anness 3 għad-Deċiżjoni).

Biex ikun stabbilit kuntest aktar favorevoli hu wkoll essenzjali li jkun assigurat li r-regolazzjoni se tiżviluppa b'mod armonizzat u konsistenti sabiex hi ma tintroduċix tagħwiġ fis-suq f'livell nazzjonali. Dawn ir-riskji jistgħu jkunu evitati jekk djalogu fl-oġhla livell u kooperazzjoni bejn ir-regolaturi huma stabbiliti. Koordinazzjoni bejn ir-regolaturi u TSOs huma kruċjali biex tiżdied il-koerenza tas-suq. Koordinazzjoni adatta mħaddma mill-Kummissjoni għandha tkun dinamika u orjentata lejn il-problemi u mhux statika jew formali. Kompetenza mis-setturi kollha involuti għandha bżonn li tkun mismugħa u jkunu mistiedna esperti li għandhom x'jaqsmu magħha. L-involvement kemm ta' l-Istati Membri konċernati u tal-Kummissjoni, kull wieħed/waħda fil-limiti tal-kompetenzi tiegħu/ħa, huwa indispensabbli biex ikunu mwettqa l-proġetti prijoritarji b'mod speċjali proġetti ta' bejn il-fruntieri. B'mod partikulari, il-Kummissjoni tista' tinnomina Koordinatur għal ftehim prijoritarju partikulari jew għal proġett prijoritarju individwali.

It-tielet komponent fl-isforz biex isir progress fil-kompletar ta' l-infrastruttura meħtieġa huwa mogħti mill-ippjanar koordinat ma' l-Ewropa kollha li se jistabbilixxi l-għodda għal studji u simulazzjonijiet ta' żvilupp li jkopru n-*network* kollu Ewropew. L-azzjoni għandha żewġ fażijiet, konsultazzjoni u eżekuzzjoni. L-iskambju ta' skoperti u kompetenza fil-proċess ta' konsultazzjoni ma' Stati Membri, li jinkludi l-parteċipanti prinċipali, jikkostitwixxi aspett importanti fl-ewwel fażi. L-oġettiv hu li jkun hemm qbil fuq pjan dettaljat għall-kostruzzjoni ta' *network* flimkien ma' l-investment xieraq. It-tieni, jiġifieri l-fażi ta' eżekuzzjoni tista' tkun deskritta permezz ta' skema li tbassar u tikkoreġi, fejn ir-rapport annwali tat-TSO dwar l-istrateġija ta' l-investment tagħhom u l-awtoritajiet regolatorji jagħtu informazzjoni li tikkonċerna l-ġenerazzjoni, it-trasmissjoni u d-distribuzzjoni li jeżistu u li huma ppjanati. Din l-informazzjoni tista' tinkorpora miżuri biex ikun ikkoreġut il-mod ta' l-azzjoni meta jitfaċċaw ostakoli jew dewmien.

B'dan il-mod il-fatturi positivi li jibnu fuq il-vijabilità ekonomika tas-settur ta' l-enerġija u fuq is-saħħa tas-suq miftuħ huma integrati. L-għażla minima ta' koordinazzjoni ma kinitx misjuba b'mod ieħor adatt biex ikunu maħkuma l-isfidi.

F'diversi okkażjonijiet l-insuffiċjenzi possibbli biex sempliċement titkompli l-politika attwali ta' TEN-E, jiġifieri l-għażla ta' koordinazzjoni bilanċjata, kienu ċċarati. Wieħed jista' jargumenta li l-għażla proposta ta' koordinazzjoni akbar hija bażikament l-adattament rilevanti tal-politika attwali TEN-E. Nistgħu naqblu ma' din l-opinjoni bħala possibbilment evoluzzjoni naturali.

Rigward l-għażla ta' l-Avviċinament Regolatorju Ewropew, wieħed jista' jiġbor fil-qosor l-argumenti billi jgħid li għadu mhux iż-żmien tajjeb għal miżuri regolatorji verament drastiċi. Hemm ħafna tħassib espress rigward il-konsegwenzi għall-industrija, ix-xogħol u s-soċjetà inġenerali. Għal darba oħra l-argument hu li ċerti miżuri adatt huma inkorporati fl-azzjonijiet futuri tal-politiki tat-TEN-E.

Fil-qosor, l-għażla msejħa 'koordinazzjoni mkabbra' timmira biex tinkorpora elementi b'saħħithom kemm tas-saħħa tas-suq u kemm tas-superviżjoni regolatorja tal-politika futura tat-TEN-E. Din 'il-koordinazzjoni mkabbra' tinvolvi żewġ istrumenti ġodda, notevolment id-Dikjarazzjoni ta' Interess Ewropew għas-selezzjoni ta' proġetti importanti u l-koordinatur magħżul mill-Kummissjoni għal akkordju partikulari jew għal proġett biex tkun finalizzata l-infrastruttura. Din il-politika ġdida għandha titħaddem permezz ta' azzjonijiet dinamiċi ta' żvilupp flimkien ma' arranġamenti varjabbli għal gwida u koordinazzjoni, magħmulin apposta għal sfidi u bżonnijiet speċifiċi u għalkollox differenti.

It-tielet komponent fl-istrateġija li timmira lejn is-seħħ ta' l-infrastruttura meħtieġa hu mogħti mill-ippjanar konsolidat Ewropew b'fażijiet rispettivament konsultattivi u eżekuttivi.

5.1.3 Dispożizzjonijiet meħuda wara l-evalwazzjoni ex post

L-evalwazzjoni temporanja tal-programm li għaddej bħalissa kkonfermat l-utilità tal-programm TEN-Enerġija billi kkonkludiet li l-Komunità għandha tiffinanzja l-azzjonijiet prijoritarji kif ukoll l-investimenti tax-xogħlijiet għall-proġetti prijoritarji.

5.2 Azzjonijiet previsti u klawkoli ta' l-intervent tal-baġit

- il-popolazzjoni(jiet) prevista(i) (speċifika l-benefiċjarji f'termini kwantitattivi jekk possibbli);

L-Unjoni Ewropea kollha

- l-oġettivi speċifiċi f'fissati għall-perijodu ta' programmazzjoni (f'termini li jistgħu jitkejlu)

Ġbir ta' 20 biljun ta' investimenti privati fl-Unjoni Ewropea għat-tweqqi tal-proġetti prijoritarji fin-*networks* transewropej ta' l-enerġija.

- il-miżuri konkreti li jridu jittieħdu għat-tħaddim ta' l-azzjoni;

Programm fuq numru ta' snin u annwali

- tweqqi immedjat;

Ko-finanzjament ta' l-azzjonijiet prijoritarji u tax-xogħlijiet

- l-effetti/impatt mistenni(ja) fit-twettiq ta' l-oġettiv ġenerali.

Ko-finanzjament ta' l-istudji u ta' l-azzjonijiet l-oħra prijoritarji tal-proġetti sa 50 % ta' l-ispejjeż eleġibbli.

Ko-finanzjament tax-xogħlijiet għat-twettiq tal-proġetti:

Sa 20% ta' l-ispiża eleġibbli għal proġetti prijoritarji

Sa 10% ta' l-ispiża eleġibbli għall-proġetti l-oħra ta' interess komuni

Parteċipazzjoni ta' l-istrumenti finanzjarji

- bonusijiet ta' interess fuq is-self mogħti mill-Bank Ewropew ta' l-Investment u organizzazzjonijiet finanzjarji oħra pubbliċi jew privati;

- tas-sussidji għall-primjums ta' garanziji u

- għajjnuna taħt forma ta' parteċipazzjoni mill-fondi ta' garanzija ta' investment jew ta' dispositivi finanzjarji komparabbli.

5.3 Klawnsoli ta' tħaddim

Immaniġġjar dirett mis-servizzi tal-Kummissjoni ma' impjegati statutorji jew esterni

6. IMPATT FINANZJARJU

6.1 Impatt finanzjarju totali fuq il-parti B (għal kull perijodu tal-programmazzjoni)

6.1.1. Intervent finanzjarju 335 KI f'Mil € (sat-tielet deċimali)

	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	Total
Analiżi statistika ta' l-Infiq								
Azzjoni 1	19,8	19,7	49,5	49,5	59,5	58,5	78,5	335
Azzjoni 2								
Eċċ.								
TOTAL	19,8	19,7	49,5	49,5	59,5	58,5	78,5	335

6.1.2 Assistenza teknika u amministrattiva (TAA), spejjeż ta' appoġġ (DDA) u

spejjeż TI (kredit ta' impenn)

	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	Total
--	------	------	------	------	------	------	------	-------

1) Assistenza teknika u amministrattiva (TAA):	0.2	0.3	0.5	0.5	0.5	1.5	1.5	5
a) Uffiċċji ta' assistenza teknika (TAO)								
b) Assistenza teknika u amministrattiva oħra: - fil-belt: - barra 'l- belt għall- kostruzzjo ni u l- mantenime nt tas- sistemi kompjuteriz zati ta' l- immaniġġ ar tagħhom:								
Total parzjali 1	0.2	0.3	0.5	0.5	0.5	1.5	1.5	5
2) Spejjeż ta' appoġġ (DDA)								
a) Studji								
b) Laqgħat ta' esperti								
c) Informazzjoni u pubblikazzjo nijiet								
Total parzjali 2								
TOTAL	0.2	0.3	0.5	0.5	0.5	1.5	1.5	5

6.2. Kalkolu ta' l-ispejjeż għar-raġunijiet previsti fil-parti B (għall-perijodu kollu tal-programmazzjoni)⁴⁴

f'Mil€ (sat-tielet deċimali)

Analiżi statistika ta' infiq	Tip ta' twettiq/ <i>outputs</i> (proġetti, inkartamenti ...)	Numru ta' twettiq/ <i>outputs</i> (total għal snin 1...nru)	Spiża unitarja medja	Spiża totali (total għal snin 1...nru)
	1	2	3	4=(2X3)
Azzjoni 1	Studji	60	0.6	36
Azzjoni 2	Proġetti	60	5	300
SPIŻA TOTALI				335

7. IMPATT FUQ L-IMPJEGATI U L-ISPEJJEŻ AMMINISTRATTIVI

7.1. Impatt fuq ir-riżorsi umani

L-impjegati attwali fl-immaniġġjar tan-*networks* transewropej ta' Enerġija huma ta' 2.5 persuni.

Tipi ta' impjegi		Impjegati li għandhom ikun allokat li għall-immaniġġjar ta' l-azzjoni permezz ta' l-użu tar-riżorsi eżistenti u/jew supplimentari		Total	Deskrizzjoni tax-xogħlijiet li jseguw mill-azzjoni
		Numru ta' impjegi temporanji permanenti	Numru ta' impjegi temporanji		
Impjegati jew Aġenti temporanji	A	3		3	(Jekk neċessarju, deskrizzjoni aktar kompluta tax-xogħlijiet tista' tkun annessa.)
	B	1		1	
	C				

⁴⁴

Għal aktar informazzjoni, ara d-dokument separat ta' orjentazzjoni

Riżorsi oħra umani				
Total	4		4	

Il-bżonnijiet f'riżorsi umani u amministrattivi se jkunu koperti mill-kontribuzzjoni allokata lid-DĠ li tkun qed timmaniġġja fl-ambitu tal-proċedura ta' allokazżjoni annwali

L-allokazżjoni ta' karigi se tiddependi minn naħa mill-organizzazzjoni interna tal-Kummissjoni li jmiss u minn oħra mir-riallokazżjoni ta' karigi bejn is-servizzi skond il-perspettivi finanzjarji ġodda.

7.2 Impatt finanzjarju globali tar-riżorsi umani

Tip ta' riżorsi umani	Ċifri €	Metodu ta' kalkolu*
Impjegati	432.000	4*108.000 €
Aġenti temporanji		
Riżorsi umani oħra (indika l-linji ta' baġit)		
Totali	432.000 €	

Iċ-ċifri jikkorrispondu ma' l-ispejjeż totali għal 12-il xahar.

7.3 Spejjeż oħra ta' tħaddim li jsegwu mill-azzjoni

Linja tal-baġit (nru u titolu)	Ċifri €	Metodu ta' kalkolu*
Somma globali (Titolu A7)		
A0701 – Missjonijiet	10.285	10 missjonijiet/ sena
A07030 – Laqgħat		
A07031 – Kumitati obbligatorji (1)	81.000	2 laqgħat/sena x 27 esperti x 1500 €
A07032 – Kumitati li mhumiex obbligatorji (1)		
A07040 – Konferenzi		
A0705 – Studji u konsultazzjonijiet		
Spejjeż oħra (indika liema huma)		
Sistemi ta' informazzjoni (A-5001/A-4300)	50.000	PMS : sistemi ta' mmaniġġjar ta' proġetti
Spejjeż oħra – parti A (indika liema huma)		

Total	141.285	
-------	---------	--

Iċ-ċifri jikkorrispondu ma' l-ispejjeż totali ta' l-azzjoni għal 12-il xahar.

(1) Ippreċiża t-tip ta' kumitat kif ukoll il-grupp li għalih jappartieni.

I	Total annwali (7.2 + 7.3)	573.285 €
II	Tul ta' żmien ta' l-azzjoni	7 Snin
III.	Spiża totali ta' l-azzjoni (I x II)	4.012.996 €

(Fil-valutazzjoni tar-riżorsi umani u amministrattivi neċessarji għall-azzjoni, is-servizz/DĠ għandhom jikkunsidraw id-deċiżjonijiet meħuda mill-Kummissjoni waqt id-dibattitu ta' orjentazzjoni u ta' approvazzjoni ta' qabel il-proġett tal-baġit (PDB). Dan ifisser li d-DĠs se jkollhom jindikaw li r-riżorsi umani jistgħu jkunu koperti fl-allokazzjoni indikattiva ta' qabel l-allokazzjoni proprja prevista waqt l-adozzjoni ta' l-PDB.

F'każijiet eċċezzjonli fejn l-azzjonijiet immirati mhumx previsti waqt il-preparazzjoni ta' l-PDB, il-Kummissjoni se jkollha tkun imqabbla sabiex tiddeċiedi jekk u kif (permezz ta' emenda ta' l-allokazzjoni indikattiva ta' qabel l-allokazzjoni proprja, operazzjoni *ad hoc* ta' skjament mill-ġdid, baġit emendat u supplimentari jew ittra emendata fil-proġett tal-baġit) it-tħaddim ta' l-azzjoni proposta tista' tkun aċċettata).

8. KONTROLL U EVALWAZZJONI

8.1 Sistemi ta' kontroll

Matul il-perijodu 2007-2013, l-attività "TEN-enerġija" se tkun is-suġġett ta' mmonitarjar annwali li la hu evalwazzjoni lanqas verifika tal-kontijiet iżda jimmira essenzjalment biex jagħti analiżi indipendenti u rapida fit-tħaddim tal-programm sabiex ikun jista' jikkoreġi t-tidbil jew id-dgħufija.

Hu jikkonċerna analiżi fattwali li, fil-bidu tal-perijodu 2007-2013, se jikkonċentra fuq l-azzjonijiet mibdija u li, ftit ftit mal-progress tas-snin, se jkollu x'jaqsam ukoll mar-riżultati u l-impatti. Parti mill-analiżi se tkun dedikata lill-valur miżjud Ewropew.

L-esperti inkarigati mill-immonitorjar se jistudjaw is-sezzjonijiet li ġejjin:

- effikaċja u trasparenza fit-tmexxija tal-programm (notevolment se jhiet ta' proposta, informazzjoni ta' dawk li jagħmlu l-offerti, preċedura ta' evalwazzjoni u ta' selezzjoni ta' offerti, aspetti kuntrattwali) u fil-koordinazzjoni interna tal-Kummissjoni;
- koerenza tal-proġetti selezzjonati ma' l-oġettivi tal-programm u ma' l-oġettivi l-oħra politiċi ta' l-Unjoni Ewropea;
- distribuzzjoni ġeografika bilanċjata ta' l-organizzazzjonijiet u ta' l-intrapriżi magħżulin fit-tenders, billi jkunu kunsidrati l-bżonnijiet identifikati mill-orjentazzjonijiet TEN-enerġija;

Ir-rapporti ta' l-immonitarjar se jkunu indirizzati lis-Segretarjat Ġenerali, fid-DĠ BUDG, lid-DĠ AUDIT u, f'każ ta' bżonn, lis-servizzi interessati l-oħra tal-Kummissjoni.

8.2 Klawsoli u perijodiċità ta' l-evalwazzjoni prevista

Evalwazzjoni nofs-triq se tkun imwettqa qabel l-aħħar ta' l-2010 biex ikun adattat il-programm jekk hemm bżonn.

Evalwazzjoni ġenerali tar-riżultati ta' l-attività TEN-Enerġija se tkun imwettqa fl-aħħar tal-programm, kif inhu previst mir-Regolament.

Din l-evalwazzjoni se timmira biex tkejjel ir-riżultati ta' l-azzjonijiet finanzjati fl-ambitu tat-TEN-enerġija u biex jintwera sa fejn dawn l-azzjonijiet ikkontribwixxu bl-impatt tagħhom biex ikunu milħuqa jew avviċinati l-oġettivi politiċi tat-TEN-enerġija. Hi se tippermetti wkoll l-adattament futur ta' l-orjentazzjonijiet f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-evalwazzjoni teknoloġika u l-bdil ta' l-istruttura ta' produzzjoni u ta' konsum ta' enerġija fl-Ewropa u għand il-ġirien tagħha konċernati mit-TEN-enerġija.

Ir-rapporti ta' evalwazzjoni se jkunu indirizzati lis-Segretarjat Ġenerali, fid-DĠ BUDG u f'każ ta' bżonn, lis-servizzi interessati l-oħra tal-Kummissjoni. Huma se jkunu wkoll sottomessi lill-Istituzzjonijiet komunitarji oħra.

9. MIŻURI KONTRA L-FRODI

ara punt 9 tad-dispożizzjonijiet għan-*Networks* transewropej ta' trasport